**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 194**
**It-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2024 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**12049. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022, 2023 u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

09/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**12050. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022, 2023 u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

09/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA – NEFQA FUQ RIGALI**

**12052. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li m'hemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – NEFQA FUQ RIGALI**

**12058. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li m'hemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – NEFQA FUQ RIGALI**

**12059. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk għandhiex xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtha li minnhom tixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmata li m'hemmx fond mill-baġit ministerjali li minnhom jinxtraw rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – NEFQA FUQ RIGALI**

**12060. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li m'hemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – NEFQA FUQ RIGALI**

**12061. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li ma hemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – NEFQA FUQ RIGALI**

**12063. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li m'hemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – NEFQA FUQ RIGALI**

**12064. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk għandhiex xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtha li minnhom tixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmata li m'hemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – NEFQA FUQ RIGALI**

**12067. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li m'hemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI – NEFQA FUQ RIGALI**

**12068. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li m'hemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – NEFQA FUQ RIGALI**

**12069. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li m'hemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - KUNTRATTI TA' FIDUĊJA**

**12070. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jikkonferma l-entitajiet li jaqgħu taħtu? Jista' jgħid ukoll min huma l-persuni li ngħataw kuntratti ta' fiduċja u/jew li ġew

impjegati f'dawn l-entitajiet, xi rwol ingħataw u x'kienet il-kwalifika li ddistingwithom biex intgħażlu għal dan l-irwol, minn wara li laħaq Prim Ministru?

09/10/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Lista aġġornata tal-entitajiet tkun ippublikata fil-jiem li ġejjin.

Mill-informazzjoni li ngħatatli ma jirrizultax li hemm persuni fl-entitajiet taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru li ngħataw kuntratti ta' fiduċja.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - KUNTRATTI TA' FIDUĊJA**

**12071. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jikkonferma l-entitajiet li jaqgħu taħtu? Jista' jgħid ukoll min huma l-persuni li ngħataw kuntratti ta' fiduċja u/jew li ġew impjegati f'dawn l-entitajiet, xi rwol ingħataw u x'kienet il-kwalifika li ddistingwithom biex intgħażlu għal dan l-irwol, minn wara li laħaq Ministru hu?

09/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KUNTRATTI TA' FIDUĊJA**

**12072. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jikkonferma l-entitajiet li jaqgħu taħtu? Jista' jgħid ukoll min huma l-persuni li ngħataw kuntratti ta' fiduċja u/jew li ġew impjegati f'dawn l-entitajiet, xi rwol ingħataw u x'kienet il-kwalifika li ddistingwithom biex intgħażlu għal dan l-irwol, minn wara li laħaq Ministru hu?

09/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**CDAU – TFAL LI JIRĊIEVU SERVIZZ**

**13444. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4204 u 7485, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal li bħalissa qed jużaw is-servizzi taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU)?

14/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 4,085tfal li bħalissa qed jużaw is-servizzi taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU).

Seduta 194
15/01/2024

**CDAU – STENNIJA GĦAL APPUNTAMENT**

**13445. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'lista ta' stennija hemm għas-servizzi taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) u kemm qed ikun 'il bogħod l-ewwel appuntament? Peress li kien hemm ilmenti li tfal qed ikollhom jistennew il-ġimgħat bejn appuntament u ieħor, jista' jgħid x'inhu jagħmel il-Ministeru biex jindirizza din il-problema?

14/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li mill-aspett tal-pedjatrija m'hemm l-ebda stennija biex tfal riferuti jieħdu dan is-sservizz. Il-pedjatra jara kull tifel jew tifla fi ftit ġranet li jkun każ ġdid riferut.

Seduta 194
15/01/2024

**CHILD DEVELOPMENT ASSESSMENT UNIT (CDAU) - IMPJEGATI**

**13446. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati li jaħdmu fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) u x'inhi l-professjoni tagħhom? Kemm-il appuntament jingħata kuljum mis-CDAU u kemm minn dawn l-appuntamenti huma ġodda jew follow-ups? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-ħinijiet tal-ftuħ tas-CDAU?

14/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) hemm jaħdmu dawn il-persuni:

Mill-aspett mediku/pedjatriku:
Lead Consultant Paediatrician
Consultant Paediatrician
Consultant Paediatrician li jagħti servizz darba jew darbtejn fil-ġimgħa
Resident Specialist li tati servizz tlett darbiet fil-ġimgħa
Resident Specialist u Higher Specialist Trainee on rotation

Minn Jannar 2023 sal-aħħar tas-sena, ġew riferuti 671 każ ġdid lit-tobba tas-CDAU.

CDAU jiftaħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

Is-Sibt filgħodu jiġi offrut servizz ta' follow-up mil-Lead Consultant Paediatrician. Din il-klinika hi speċjalment immirata għat-tfal tal-iskola biex ma jitilfux skola u l-ġenituri ma jitilfux mix-xogħol tagħhom.

Seduta 194
15/01/2024

**CYPS – TFAL LI JIRĊIEVU SERVIZZ**

**13447. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal li bħalissa qed jużaw is-servizzi taċ-Child and Young People's Services (CYPS)?

14/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' tfal li bħalissa qed jużaw is-servizzi taċ-Child and Young People's Services (CYPS) hu ta' 2820.

Seduta 194
15/01/2024

**CYPS – LISTA TA’ STENNIJA**

**13448. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid x’lista ta’ stennija hemm għas-servizzi taċ-Child and Young People's Services (CYPS) u kemm hemm tfal li diġà għandhom appuntament? Jista’ jgħid ukoll kemm qed ikun ’il bogħod dan l-ewwel appuntament u x’inhu ż-żmien medju bejn appuntament u ieħor?

14/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infirmat li kwalunkwe tifel jew tifla li jiġi riferut għas-CYPS jew hu diġà każ attiv ta’ CYPS ikun ingħata appuntament ta’ initial intake/follow-up u/jew servizz ieħor ġewwa CYPS. Bħala stennija għal appuntament jiddependi skont il-każ.

Eżempju: Hemm każijiet li jkollhom bżonn appuntament xahar wara; oħrajn li jkollhom bżonn follow up wara 4 jew 6 xhur.

Bħalissa għall-każijiet riferuti ġodda lis-CYPS, hemm stennija ta’ bejn wieħed u ieħor xahar biex jingħata l-ewwel appuntament għal ‘initial intake’. Sabiex każ ġdid jingħata l-ewwel appuntament ma psikjatra, hemm stennija ta’ madwar 3 xhur (ġieli inqas) sa tnax-il xahar, jiddependi, dejjem skont il-konsulent allokat u l-urġenza tal-każ u kemm idum sabiex jiġi diskuss bejn il-‘multidisciplinary team’.

Bħala żmien medju għall-każijiet miftuħin diġà s-CYPS, jiddependi skont in-natura tal-każ u l-konsulent allokat, però ż-żmien ivarja minn xahar sa ħames xhur (‘next available’).

Seduta 194
15/01/2024

**CHILD AND YOUNG PEOPLE'S SERVICES (CYPS) - IMPJEGATI**

**13449. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati li jaħdmu fiċ-Child and Young People's Services (CYPS) u x’inhi l-professjoni tagħhom? Kemm-il appuntament jingħata kuljum u kemm minn dawn l-appuntamenti huma ġodda jew follow-ups? Jista’ jgħid ukoll x’inhuma l-ħinijiet tal-ftuħ tas-CYPS?

14/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta’ impjegati fiċ-CYPS u l-professjoni tagħhom qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Għar-rigward ta’ appuntamenti li jingħataw kuljum, ninsab infurmat li bħala ammont ivarja skont il-‘clinics’ u l-gruppi li jkunu għaddejjin matul il-ġimgħa. Matul l-2022 ingħataw 3,758 appuntament mat-tobba ta’ CYPS (964 kienu każijiet ġodda) u matul l-2023 ingħataw 4500 appuntament mat-tobba ta’ CYPS (565 kienu każijiet ġodda).

Il-ħijiet tal-ftuħ huma kif ġej: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: mis-7.30 a.m. sas-2 p.m. filwaqt li nhar ta’ Sibt mis-7.30 a.m. sa 12.00 p.m..

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - POSITIONS OF TRUST - SALARJI**

**13560. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13241, fejn il-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20989,

liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi, jista' l-Minsitru jagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

17/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-Appendiċi li hemm fil-manwal, li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - POSITION OF TRUST - SALARJI**

**13561. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13240, liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi, jista' l-Ministru jagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

17/11/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Appendiċi li hemm fil-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - POSITION OF TRUST - SALARJI**

**13562. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13239, liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi, tista' l-Ministru tagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtha għas-sena 2022?

17/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Appendiċi li hemm fil-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - POSITION OF TRUST - SALARJI**

**13563. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13238, liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi, jista' l-Ministru jagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

17/11/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Appendiċi li hemm fil-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 194
15/01/2024

**XAGĦRA, GĦAWDEX – TRIQ GĦAJN ĦOSNA – MANUTENZJONI, RESTAWR U BINI TA' ĦITAN TAS-SEJJIEĦ**

**13617. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5986, jista' l-Ministru jgħid x'fadal isir u x'inhu l-andament tax-xogħol ta' manutenzjoni, restawr u bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Għajn Ħosna, fix-Xagħra, Għawdex li twassal sal-wied tal-Bajja tar-Ramla l-Ħamra, li jinkludu wkoll Triq ir-Ramla, Triq ta' Xurdin, Triq l-Inżul tal-Franċiżi, Triq ir-Ramla l-Ħamra sad-Daħla ta' Għajn Damma u r-restawr u tindif ta' 250 metru ta' taraġ Ruman fil-Wied tar-Ramla li hu ffinanzjat minn fondi Ewropej?

20/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fi Triq Għajn Ħosna fadal xogħlijiet marbutin mal-bini mill-ġdid taċ-ċint ta' mat-triq. Ix-xogħlijiet fuq il-ħitan tas-sejjieħ f'din it-triq tlestew. Is-sejħa għax-xogħlijiet fuq il-ħitan tas-sejjieħ fit-toroq l-oħrajn imsemmija qed tinħadem u x-xogħlijiet mistennija jibdew matul l-2024.

Seduta 194
15/01/2024

**XAGĦRA, GĦAWDEX – TRIQ TA' KARKAR - XOGĦLIJIET**

**13618. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jindika bejn wieħed u ieħor meta se jibda x-xogħol ta' bini u rikostruzzjoni tat-Triq ta' Karkar fix-Xagħra, Għawdex, peress li f'dawn l-aħħar disa' snin sar ħafna bini fiha u din it-triq hi bla wiċċ u tinsab fi stat ħażin ħafna, peress illi din it-triq taqa' taħt ir-responsabilità diretta tal-Ministeru għal Għawdex?

20/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kunsill Lokali tax-Xagħra ħareġ tender TXLC/04/2023 Works – Resurfacing of Triq Mannar/Għejjun Junction with Hot rolled Asphalt and resurfacing of small stretch of Triq Karkar, Xagħra (up to base course only) in a resource efficient manner. Bħalissa t-tender qed tiġi evalwata.

Seduta 194
15/01/2024

**RABAT, GĦAWDEX - SKOLA ĠDIDA PRIMARJA U L-ESTENSJONI TAL-MIDDLE SCHOOL**

**13619. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru pagamenti fuq xogħlijiet ta' eskavazzjoni u kostruzzjoni fuq l-iskola ġdida primarja u l-estensjoni tal-Middle School fir-Rabat, Għawdex, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll lil min sar kull pagament u kemm kien?

20/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pagamenti fuq xogħlijiet ta' eskavazzjoni u kostruzzjoni fuq l-iskola ġdida Primarja u l-estensjoni tal-Middle School fir-Rabat, Għawdex huma kif indikat fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 194
15/01/2024

**GĦAWDEX – XOGĦOL IPPJANAT FL-ISKEJJEL**

**13620. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: In vista ta' fuljett li kien intbagħat fid-djar kollha ta' Għawdex dwar xogħol ippjanat fi skejjel f'Għawdex jista' l-Ministru jgħid matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm kienet in-nefqa:

a. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja ta' Kerċem;
b. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja taż-Żebbuġ;
ċ. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja tal-Għarb;
d. fuq it-tisbiħ ta' diversi faċċati ta' diversi skejjel f'Għawdex;

u f'kull każ, jagħti data meta se jkun lest ix-xogħol?

20/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa qed jiġu ppreparati d-dokumenti tal-offerti, b'dak dwar l-iskola taż-Żebbuġ mistennija li jiġu ippubblikati fil-bidu tas-sena 2024. Madanakollu xogħlijiet ta' manutenzjoni qed isiru mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex matul is-sena fl-iskejjel kollha kif ikun meħtieġ.

Seduta 194
15/01/2024

**GĦAWDEX – TINDIF TA' WIDIEN**

**13623. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm u fejn tnaddfu widien f'Għawdex matul is-sena 2023, fiex kien jikkonsisti t-tindif u kemm kienet l-ispiża fuq kull wied li tnaddaf? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu ffinanzjati minn fondi Ewropej u kemm kien l-ammont ta' finanzjament?

20/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-2023 tnaddaf b'mod regolari il-Wied ta' Marsalforn mill-iskart li ta' sikwit jintefa f'dan il-Wied. Apparti hekk, inqata' l-ħaxix ħażin li jitla' fil-Wied. Dan minbarra l-qtugħ regolari ta' qasab fil-parti ta' fuq tal-wied tax-Xlendi. Is-sejħa għat-tindif tal-widien - li hi ikkofinanzjata minn fondi Ewropej – se tkun ippublikata fil-bidu tas-sena 2024.

Seduta 194
15/01/2024

**PUBLIC SERVICE AGREEMENT GĦAT-TRASPORT TA' PASSIĠĠIERI, KAROZZI U MERKANZIJA BEJN MALTA U GĦAWDEX**

**13624. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid f'liema xahar u sena hu maħsub li tiġi ppubblikata s-sejħa għall-Public Service Agreement għat-trasport ta' passiġġieri, karozzi u merkanzija bejn Malta u Għawdex, peress li dan il-ftehim issa ilu bosta snin li skada?

20/11/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed naħdmu fuq is-sejħa għall-Public Service Agreement għat-trasport ta' passiġġieri, karozzi u merkanzija bejn Malta u Għawdex. Din is-sejħa mistennija toħroġ fix-xhur li ġejjin.

Seduta 194
15/01/2024

**QORTI TAL-FAMILJA – KAŻIJIET PENDENTI**

**13716. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet ta' separazzjoni pendenti fil-Qorti tal-Familja?

22/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi quddiem il-Qorti tal-Familja f'Malta hemm 440 rikors ġuramentat ta' separazzjoni pendenti u quddiem il-Qorti tal-Familja f'Għawdex hemm 25 rikors ġuramentat ta' separazzjoni pendenti.

Seduta 194
15/01/2024

**QORTI TAL-FAMILJA – KAŻIJIET TA' SEPARAZZJONI BONARJA**

**13717. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet ta' separazzjoni fil-Qorti tal-Familja li huma bonarja?

22/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sat-12 ta' Diċembru 2023 fil-Qorti tal-Familja f'Malta kien hemm 37 proċedura ta' separazzjoni bonarja li kienu pendenti u fil-Qorti tal-Familja f'Għawdex ma kienx hemmx proċeduri ta' separazzjoni bonarja li kienu pendenti.

Seduta 194
15/01/2024

**QORTI TAL-FAMILJA – KAŻIJIET TA' SEPARAZZJONI**

**13718. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta nfetaħ l-aktar każ ta' separazzjoni antik u li għadu pendenti fil-Qorti tal-Familja?

22/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi quddiem il-Qorti tal-Familja f'Malta l-aktar każ antik li għadu pendenti infetaħ fit-28 ta' Novembru 2003 u quddiem il-Qorti tal-Familja f'Għawdex l-aktar każ antik li għadu pendenti nfetaħ fid-9 ta' Marzu, 2007. Fiż-żewġ kawżi indikati l-partijiet ħadu diversi snin sabiex iressqu il-provi voluminużi tagħhom. Il-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja ta' Għawdex tinsab differita għas-sentenza għax-xahar ta' Jannar.

Seduta 194
15/01/2024

**KAŻIJIET TA' SEPARAZZJONI – ŻMIEN MEDJU**

**13719. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa ż-żmien medju li każijiet ta' separazzjoni (mhux bonarja) idumu?

22/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżommx din it-tip ta' statistika.

Seduta 194
15/01/2024

**KAŻIJIET TA' SEPARAZZJONI PENDENTI**

**13720. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bil-każijiet ta' separazzjoni pendenti skont meta nfetħet il-kawża?

22/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-ammont tal-każijiet ta' separazzjoni li għadhom pendenti sena b'sena skont meta nfetħet il-kawża, hekk kif miġbura sat-12 ta' Diċembru 2023.

Seduta 194
15/01/2024

**KAŻIJIET TA' SEPARAZZJONI – MAĠISTRATI**

**13721. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Maġistrati li qed jippresjedu każijiet ta' separazzjoni?

22/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-Qorti ta' Malta hemm tlett Imħallfin illi jisimgħu każijiet ta' separazzjoni u fil-Qorti ta' Għawdex hemm żewġ Maġistrati illi jisimgħu każijiet ta' separazzjoni.

Seduta 194
15/01/2024

**KAŻIJIET TA' SEPARAZZJONI – ĠENITURI LI MHUX QED JITĦALLEW JARAW LIL ULIEDHOM**

**13722. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min qiegħed jiżgura li ġenituri mhux qed jiġu mċaħħda minn uliedhom sakemm iddum għaddejja l-kawża ta' separazzjoni?

22/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mhux il-kompitu tal-ebda Qorti, entità jew dipartiment fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja biex ikun hemm infurzar ta l-aċċess ta' tfal waqt proċeduri ta' separazzjoni.
Madanakollu l-Ministeru għaddej b'ħidma interna fuq riforma fil-Qrati tal-Familja, liema riforma ser tkun qed toħroġ ukoll għal konsultazzjoni pubblika.

Seduta 194
15/01/2024

**KAŻIJIET TA' SEPARAZZJONI – ĠENITURI LI MHUX QED JITĦALLEW JARAW LIL ULIEDHOM**

**13723. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid min qiegħed jiżgura li ġenituri mhux qed jiġu mċaħħda minn uliedhom sakemm iddum għaddejja l-kawża ta' separazzjoni?

22/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li l-ebda entità li taqa' taħt dan il-Ministeru m'għandha l-kompetenza li tiddeċiedi dwar l-aċċess għall-ġenituri li ma jirrisjedux ma' wliedhom.

Seduta 194
15/01/2024

**INĊIDENTI FUQ SITI TA' KOSTRUZZJONI – TALBIET GĦAL BENEFIĊĊJI**

**13724. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11190 u 11191, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet għal benefiċċji li jirrigwardaw korrimenti fuq il-post tax-xogħol? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-korrimenti kienu fuq siti ta' kostruzzjoni?

22/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għandu informazzjoni fuq kemm ikun hemm inċidenti fuq siti ta' kostruzzjoni skont jekk tkunx saret applikazzjoni jew le għall-benefiċċju ta' korriment.

Minn din l-informazzjoni, in-numru ta' inċidenti mis-sena 2012 sa issa, huwa skont kif jidher hawn taħt:

| Sena | Applikazzjonijiet għall-benefiċċju ta' korriment |
|---|---|
| 2012 | 449 |
| 2013 | 446 |
| 2014 | 469 |
| 2015 | 464 |
| 2016 | 441 |
| 2017 | 550 |
| 2018 | 572 |
| 2019 | 526 |
| 2020 | 505 |
| 2021 | 483 |
| 2022 | 472 |
| 2023 | 325 |

Seduta 194
15/01/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA – KAŻIJIET IRRAPPURTATI**

**13725. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati każijiet ta' vjolenza domestika fis-snin 2020, 2021 u 2022 rispettivament? Jista' jgħid kemm minnhom ġew imwaqqa'?

22/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi d-data ta' każi relatati ma' vjolenza domestika ġew ċentralizzati f'Ottubru 2020 u għaldaqstant l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Membru, miġbura mill-Gender Based & Domestic Violence Unit "GBDVU" u l-Pulizija fid-Distrett Għawdex, tkopri l-perjodu mis-sena 2021 sal-aħħar ta' Novembru ta' din is-sena. F'dan il-perjodu n-numru ta' każijiet irrappurtati kien kif jidher fit-tabella hawn taħt. Infurmat illi minħabba li skont il-provedimenti tal-artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, ikun aħjar illi l-informazzjoni mitluba dwar każi li ġew imwaqqa', tintalab mill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – DIRECT ORDERS**

**13839. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTRU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – DIRECT ORDERS**

**13840. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tagħha fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament tgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DIRECT ORDERS**

**13841. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – DIRECT ORDERS**

**13842. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 194
15/01/2024
**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – DIRECT ORDERS**

**13844. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u

għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – DIRECT ORDERS**

**13845. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tagħha fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament tgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DIRECT ORDERS**

**13848. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – DIRECT ORDERS**

**13849. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA – DIRECT ORDERS**

**13850. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 194
15/01/2024

**WIED IL-BUNI - PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI**

**13885. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett imwiegħed tar-riġenerazzjoni ta' Wied il-Buni?

27/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess tat-tender għadu għaddej.

Seduta 194
15/01/2024

**ĦATRA TAL-MEMBRI TAL-BORD TAT-TRASPORT MALTA - AVVIŻ**

**13886. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-avviż għall-ħatra tal-membri tal-Bord tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta deher tant tard fil-Gazzetta tal-Gvern u ċjoè fil-ħarġa tal-24 ta' Novembru 2023 meta skont l-istess avviż il-ħatra ta' dan il-Bord hi effettiva mit-2 ta' Awissu 2023 – jiġifieri kważi erba' xhur qabel ma deher dan l-avviż?

27/11/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fiż-żmien imsemmi kien hemm nuqqas sinifikanti ta' riżorsi umani fil-Ministeru. Għaldaqstant ir-rapporti kienu qed jiġu indirizzati f'lottijiet.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - CT2247/2023**

**13887. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex tikkonsisti u għala nħasset il-ħtieġa li tinħareġ is-sejħa li ħareġ reċentement il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża CT2247/2023 - SERVICES - FRAMEWORK AGREEMENT FOR THE UPKEEP IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER OF VARIOUS WATER RESERVOIR SITES IN MALTA AND GOZO USED BY THE WATER SERVICES CORPORATION? Tista' tgħid ukoll min kien jagħmel dan ix-xogħol li hemm mitlub f'din is-sejħa f'dawn l-aħħar xhur u f'dawn l-aħħar għaxar snin?

27/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din is-sejħa tikkonsisti f'xogħol ta' manutenzjoni ta' diversi siti ta' ġibjuni li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għandha mferrxin madwar Malta u Għawdex. Sal-lum dan ix-xogħol kien isir mill-Korporazzjoni nnifisha, fejn ix-xogħol ma jiqafx biss mal-manutenzjoni ta' dawn l-imsemmija siti iżda jkopri wkoll numru kbir ta' siti oħrajn li tamministra. Il-Korporazzjoni temmen bi sħiħ fiż-żamma ta' dawn il-ġibjuni iżda preżentament mhux possibbli li dan ix-xogħol jitwettaq minnha stess minħabba li qed tiffoka u tinvesti dejjem aktar fuq l-operatur ewlieni tagħha li kulma jmur dejjem jikber. Inħasset il-ħtieġa li tinħareġ din is-sejħa pubblika bil-għan ewlieni li l-Korporazzjoni tkompli tinvesti fiż-żamma ta' dawn l-assi tagħha, bl-aħjar mod possibbli.

Seduta 194
15/01/2024

**IR-RABAT, GĦAWDEX - TRIQ SIR ARTURO MERCIECA**

**13888. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Peress li l-appell ġie deċiż u t-tender ġiet awarded, jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li jibda x-xogħol biex tinbena mill-ġdid Triq Sir Arturo Mercieca fir-Rabat, Għawdex, peress li tinsab fi stat ħażin ħafna?

27/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hu ppjanat li toħroġ tender sabiex issir.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - DIRETTUR ĠENERALI (MAJOR PROJECTS)**

**13889. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema direttorati u/jew taqsimiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ser jgħaddu u jibdew jaqgħu taħt ir-responsabbilità diretta tad-Direttur Ġenerali (Major Projects) il-ġdid fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex?

27/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Direttur Ġenerali(Major Projects) se jkun responsabbli mid-Direttorat ta' Eko Għawdex, mill-Projects Unit u mill-proġetti maġġuri ġodda li se jitwetqu mill-Ministeru għal Għawdex.

Seduta 194
15/01/2024

**FRAMEWORK CONTRACT FOR THE SUPPLY AND DELIVERY OF WATER BY BOWSER FOR IRRIGATION AT VARIOUS AREAS IN GOZO FOR THE RURAL GOZO DIRECTORATE**

**13891. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid għala nħasset il-ħtieġa li toħroġ is-sejħa SPD3/2023/109 - 'Framework Contract for the Supply and Delivery of Water by Bowser for Irrigation at Various Areas in Gozo for the Rural Gozo Directorate? Jista' jgħid ukoll f'dawn l-aħħar xhur u snin minn min kien qed jingħata dan is-servizz?

27/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'dawn l-aħħar xhur u snin, il-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex kienu u għadhom qed jagħmlu dan ix-xogħol. Din it-tender ħarġet peress li x-xhur ta' nixfa qegħdin dejjem jiżdiedu. Għaldaqstant b'din it-tender se jkun hemm backup f'każ ta' ħtieġa.

Seduta 194
15/01/2024

**GĦAWDEX – IR-RABAT - AKWADOTT - PROĠETT**

**13894. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fil-każ tal-proġett ta' konsolidazzjoni strutturali tal-pedamenti u l-konservazzjoni tal-Akwadott fir-Rabat, Għawdex, kemm hu l-Vot tax-Xogħol għal dan il-proġett għas-sena 2024?

27/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-estimi tal-vot tax-xogħol għall-proġett ta' konsolidazzjoni strutturali u l-konservazzjoni tal-Akwadott għas-sena 2024, hu mitejn elf ewro (€200,000.00).

Seduta 194
15/01/2024

**PROJECT GREEN – PROĠETTI**

**13926. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 13732 u tipprovdi lista tal-proġetti li saru minn Project Green flimkien man-nefqa kapitali ta' kull proġett u d-data li fiha ġie inawgurat?

28/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul din il-Leġiżlatura tlestew jew jinsabu għaddejjin xogħlijiet fuq bosta proġetti ambjentali u interventi oħra ta' afforestazzjoni, tħaddir urban u l-ħolqien ta' spazji miftuħa. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista dettaljata bil-proġetti li wettqu jew qegħdin iwettqu Project Green, Ambjent Malta u Greenserv u li flimkien se jiswew aktar minn €93 miljun. Dawn minbarra bosta proġetti oħrajn li għadhom fi stadju bikri ta' ppjanar u/jew studji.

Seduta 194
15/01/2024

**TA' ĊENĊ - XOGĦLIJIET MILL-WATER SERVICES CORPORATION**

**14056. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12420 rigward fiex jikkonsistu u ser ikunu jikkonsistu x-xogħlijiet li nbdew iktar minn xahrejn ilu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) fit-triq li twassal għall-ġibjuni tal-WSC ġewwa Ta' Ċenċ, Għawdex fejn ġie imwieġeb li 'dan il-proġett huwa maħsub biex jintegra ż-żewġ ġibjuni prinċipali t'Għawdex. L-għan ewlieni tiegħu huwa sabiex il-konsumatur igawdi minn kwalità ta' ilma aħjar, jiġi ffaċilitat it-taħlit tal-ilma fil-ġibjuni, kif ukoll tissaħħaħ il-pressa tal-ilma madwar Għawdex kollu. Dan il-proġett huwa ppjanat li ser jieħu madwar sena biex jitlesa u stmat li se jiswa madwar €500,000.', tista' l-Ministru tgħid meta u fejn ħarġu s-sejħiet biex isiru dawn ix-xogħlijiet meħtieġa u minn min qed isir ix-xogħol? Tista' tgħid ukoll għalfejn f'dawn l-aħħar ġimgħat ma tkompliex ix-xogħol fit-triq li twassal għall-ġibjuni tal-WSC ġewwa Ta' Ċenċ, Għawdex?

04/12/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-proġett, li primarjament huwa maħsub sabiex il-konsumatur ikun moqdi bi kwalità ta' ilma aħjar, jiġi ffaċilitat it-taħlit tal-ilma fil-ġibjuni u tissaħħaħ il-pressa tal-ilma madwar Għawdex kollu, qed isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tas-Sannat. Il-kuntrattur li qed iwettaq ix-xogħol huwa Gatt Construction Ltd, l-istess offerent li ntgħażel permezz ta' sejħa pubblika maħruġa mill-Kunsill Lokali u li kienet tittratta twettiq ta' xogħlijiet fit-toroq f'Sannat. Infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vverifikat li l-għażla tal-offerent saret skont il-prinċipju ta' governanza tajba. Wara li tlestiet l-ewwel fażi tal-proġett, ix-xogħlijiet se jissuktaw wara li jinħarġu l-permessi meħtieġa, li għalihom diġà ddaħħlu l-applikazzjonijiet, għall-fażi li jmiss.

Seduta 194
15/01/2024

**GĦAWDEX U KEMMUNA – XOGĦLIJIET FIL-BAJJIET**

**14057. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'ħidmiet varji saru fil-bajjiet u areas ġewwa Għawdex u Kemmuna li għandhom

x'jaqsmu magħhom l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u Ambjent Malta matul is-sena 2023 u x'ħidmiet varji hemm ippjanati li jsiru matul is-sena 2024 f'dawn il-bajjiet u areas?

04/12/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ż-żoni f'Għawdex u Kemmuna li kemm l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u Ambjent Malta għandhom responsabbiltajiet ambjentali fuqhom huma ż-żoni ta' Natura 2000.

Ninsab infurmata li fl-2023, Ambjent Malta flimkien mal-ERA għamlu numru ta' xogħlijiet f'Kemmuna, fejn tkompla r-restawr ambjentali tal-campsite antika ta' Santa Marija permezz ta' tħawwil ta' siġar, kif ukoll saru manutenzjoni u estensjoni tal-cordoning madwar l-għaram tar-ramel f'din il-bajja. F'Għawdex saru xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-ħbula u l-poles tal-injam li jipproteġu l-għaram tar-ramel fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra, filwaqt li fid-Dwejra tneħħew diversi tabelli u installazjonijiet antiki li kienu fi stat ħażin u twaħħlu tabelli informattivi ġodda biex jidderiġu lill-viżitaturi.

Din is-sena se jitkomplew ix-xogħlijiet f'Kemmuna billi se jsiru aktar interventi ta' manutenzjoni fiż-żoni fejn sar restwar ambjentali fil-bajja ta' Santa Marija u jitkompla l-immaniġġjar tar-Ramla l-Ħamra.

Seduta 194
15/01/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – PROPRJETAJIET ESPROPJATI F'GĦAWDEX**

**14058. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru:
a. jgħid kemm artijiet ġew jew qegħdin fil-proċess li jiġu espropjati fuq talba mill-Ministeru għal Għawdex mill-1 ta' Lulju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?;
b. f'liema lokalitajiet f'Għawdex jinsabu l-artijiet esproprjati?;
ċ. iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra 'Site Plan' immarkata għal kull biċċa art u post fejn il-Ministeru għal Għawdex talab lill-Awtorità tal-Artijiet biex jiġu esproprjati artijiet f'Għawdex fil-perjodu indikat? u;
d. jgħid l-użu li sar jew se jsir minn kull waħda minn dawn l-artijiet?

04/12/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 194
15/01/2024

**IX-XAGĦRA, GĦAWDEX – TRIQ TA' STELLINI - XOGĦLIJIET**

**14059. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet fadal isiru fi Triq ta' Stellini fix-Xagħra, Għawdex u kemm huma stmati li se jiġu jiswew? Jista' jgħid ukoll kemm ilu li nbeda x-xogħol u għaliex f'dawn l-aħħar ġimgħat ma tkompla l-ebda xogħol?
Meta ser jitkompla x-xogħol f'din it-triq u meta ser titlesta minn kollox?

04/12/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet mistennija jitkomplew fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 194
15/01/2024

**GĦAWDEX - RECOVERY AND RESILIENCE FACILITY FUND (RRF) - PROĠETTI**

**14060. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-proġetti u inizjattivi li l-Ministeru għal Għawdex applika għalihom permezz tal-programm ta' fondi tal-Unjoni Ewropea 'Recovery and Resilience Facility Fund (RRF)' u liema proġetti ġew aċċettati u nbeda x-xogħol

fuqhom jew għadu ma nbediex ix-xogħol fuqhom, liema proġetti għadhom ma ġewx aċċettati u liema proġetti ma ġewx aċċettati?

04/12/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-proġett li bbenefika minnu l-Ministeru għal Għawdex mill-programm ta' fondi tal-Unjoni Ewropea 'Recovery and Resilience Facility Fund (RRF)' huwa r-Rinovar tal-iSkola Primarja tan-Nadur, li tlesta.

Seduta 194
15/01/2024

**GĦAWDEX – TĦAWWIL TA' SIĠAR U ARBUXELLI**

**14061. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm u fejn (post) tħawlu siġar u arbuxelli mill-Ministeru għal Għawdex, xahar b'xahar, matul is-sena 2023? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża biex tħawlu u minn min sar ix-xogħol?

04/12/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 194
15/01/2024

**SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK' – PERSUNI LI NTGĦAŻLU BIL-POLZA**

**14230. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: B'referenza għall-aħħar skema 'Irrestawra Darek', jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li ġew approvati, wara li telgħet ix-xorti (telgħet il-polza) u jgħid ukoll minn liema lokalitajiet kienu dawk li ntgħażlu, lokalità, lokalità?

12/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - ARRETRATI TA' LIĊENZJI TA' OPERATURI TURISTIĊI**

**14231. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 574, 1842, 2466, 2817, 3157, 3718, 4254, 13856, 13956 u 14142 u jgħid l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kemm għandha arretrati x'tiġbor f'liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-lum, maqsuma sena b'sena?

14/12/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**INDIS MALTA LTD - ALLOKAZZJONI TA' ART LILL-AQUACULTURE RESOURCES LTD**

**14232. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14075 u jikkonferma jekk hux se tiġi allokata, jew ġietx allokata, iżjed art mill-INDIS Malta Ltd. lill-Aquaculture Resources Ltd. għall-espansjoni tal-operat tagħhom? Jekk iva, jista' jagħti rendikont tal-proċess li wassal għal dan?

14/12/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MALTA PUBLIC TRANSPORT - KAROZZI**

**14233. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-workings ta' kif il-Malta Public Transport (MPT) naqqset l-emissjonijiet tagħha b'70% bl-introduzzjoni ta' 30 karozza tal-linja elettrika? Jista' jgħid ukoll kemm-il karozza għandha l-MPT?

14/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fir-rigward tal-istudju, dan ġie kkummisjonat mil-Malta Public Transport illi hija kumpanija privata.

Madankollu ninfurmak illi l-operatur tat-trasport pubbliku għandu 428 karozza tal-linja li qegħdin joperaw fuq is-servizz.

Seduta 194
15/01/2024

**GUDJA - TRIQ SAN MARK - XOGĦLIJIET**

**14240. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 12979 u 13536, jista' l-Ministru jikkunsidra li x-xogħlijiet ta' bini mill-ġdid tal-bankini u t-triq li se jsiru f'parti minn Triq San Mark jitkomplew fit-tul ta' Triq San Mark kollha, u jekk hemm bżonn anke tibdil tal-mains, hekk kif fiż-żona din se tkun l-unika parti fejn hemm kundizzjonijiet ħżiena ħafna tat-triq u tal-bankini, li issa ġew agħar wara t-tħaffir ta' kanali biex ġew mgħoddija cables ġodda tad-dawl?

14/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**KALKARA - TELEPHONE BOX FIX-XATT**

**14252. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk it-telephone box ta' Żmien l-Ingliżi li kien hemm fix-Xatt tal-Kalkara hijiex ser terġa' teħel fil-post fejn kienet jew fil-viċinanzi?

15/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li t-telephone box li qed issir riferenza għaliha ser tiġi rranġata. Filwaqt li m'hemm xejn x'jimpedixxi milli din terġa teħel fil-pjazza, hemm kommunikazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara biex jiġi identifikat fejn din tista' tkun ta' l-aħjar użu għall-komunità tal-Kalkara.

Seduta 194
15/01/2024

**KALKARA - TELEPHONE BOX FIX-XATT**

**14253. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk minn meta nqagħlet it-telephone box ta' Żmien l-Ingliżi sal-lum, sarx xi restawr jew xogħlijiet oħrajn fuq din il-booth? Jekk iva, x'tip ta xogħol sar u jekk le, hemmx ippjanat li jsir xi tip ta' restawr fuqha?

15/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14252.

Seduta 194
15/01/2024

**ĦAL TARXIEN - PJAZZA TA' QUDDIEM IL-KNISJA ARĊIPRETALI - XOGĦLIJIET**

**14254. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja Arċipretali ta' Ħal Tarxien? Jista' wkoll jikkonferma li dan ix-xogħol kellu jibda wara li għaddiet il-festa tad-Duttrina f'Lulju 2023 u s'issa għadu ma sar xejn?

15/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li dan il-progett jinsab fil-fażi ta' konsultazzjoni u abbozzar biex ikun ippjanat b'mod komplut. Malli l-fażi tad-diżinn dettaljat jitlesta, tkun ippublikata sejħa għall-offerti.

Seduta 194
15/01/2024

**KALKARA CREEK - PROPOSTA TA' YACHT MARINA**

**14255. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk hemmx pjanijiet li ssir Yacht Marina bejn il-Kalkara u l-Birgu proprju fiż-żona msejħa Kalkara Creek, u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti u/jew dokumenti oħrajn li jeżistu dwar dan il-proġett?

15/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemm l-ebda ħsieb li tiġi żviluppata xi Marina oħra f'din iż-żona msemmija. Bħalma diġà ġie spjegat f'okkażjonijiet oħra, l-uniku Marina li hemm u li se jkun hemm fid-daħla tal-Kalkara hi dik preżenti.

Fl-istess waqt ninnota li hemm ippjanat proġett għar-riorganizzazzjoni tal-mażżri u bagi f'dawn l-inħawi, sabiex titjieb l-estetika taż-żona kif ukoll li l-ispazju jintuża aħjar filwaqt li jinħolqu spazji ġodda għal aktar irmiġġi.

Seduta 194
15/01/2024

**AĠENZIJA SEM – KUNTRATT TAL-EX CEO**

**14258. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jagħti r-raġunijiet għalfejn il-kuntratt tal-Eks CEO tal-Aġenzija Servizzi Ewropej f'Malta (SEM), li d-dettalji tagħha qed jintbagħtu separatament, ma ġiex imġedded?

15/12/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-raġuni għaliex il-kuntratt tal-Eks CEO tal-Aġenzija Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) ma ġiex imġedded hija li ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet fuq il-kundizzjonijiet tal-imsemmi kuntratt.

Seduta 194
15/01/2024

**AĠENZIJA SEM – KUNTRATT TAL-EX CEO**

**14259. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid x'kien il-pakkett finanzjarju tal-Eks CEO tal-Aġenzija Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) li d-dettalji tagħha qed jintbagħtu separatament?

15/12/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lil-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pakkett finanzjarju tal-Eks CEO tal-Aġenzija Servizzi Ewropej f'Malta, skont il-kuntratt iffirmat fl-1 ta' Frar 2020.

Seduta 194
15/01/2024

**IL-MARSA – FLYOVERS - PROĠETT**

**14261. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid jekk il-proġett tal-Flyovers tal-Marsa, li parti minnu saret minn Fondi Ewropej, hux qed jiġi investigat mill-Uffiċċju Indipendenti tal-Prosekuzzjoni Pubblika tal-Unjoni Ewropea (EPPO)? Jista' jgħid ukoll fiex waslu dawn l-investigazzjonijiet?

15/12/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Pubblika tal-Unjoni Ewropea (EPPO) huwa korp indipendenti tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, l-uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru m'għandux l-informazzjoni li qed tiġi mitluba.

Seduta 194
15/01/2024

**PROĠETTI FFINANZJATI MINN FONDI EWROPEJ**

**14262. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Apparti l-proġett tal-flyovers tal-Marsa, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur u jgħid jekk hemmx proġetti oħrajn li saru jew qegħdin isiru b'fondi tal-Unjoni Ewropea u li qed jiġu investigati mill-Uffiċċju Indipendenti tal-Prosekuzzjoni Pubblika tal-Unjoni Ewropea (EPPO) jew xi aġenzija oħra tal-Unjoni Ewropea? Jekk iva, liema huma dawn il-proġetti?

15/12/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14261.

Seduta 194
15/01/2024

**EU CENTRALIZED FUNDS**

**14263. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid kemm Malta bbenefikat mill-EU Centralized Funds bejn l-2014 u l-2020, maqsuma sena b'sena?

15/12/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Fondi Ċentralizzati huma ġestiti direttament mill-Kummissjoni Ewropeja mingħajr l-involviment tal-Istat Membru. Għaldaqstant, il-Ministeru responsabbli mill-Fondi Ewropej ma jistax jipprovdi din l-informazzjoni.

Seduta 194
15/01/2024

**IL-BIRGU - PROĠETT FIL-PJAZZA PRINĊIPALI - XOGĦLIJIET**

**14264. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: B'referenza għax-xogħlijiet li qegħdin isiru fil-Pjazza tal-Birgu, jista' l-Ministru jgħid meta huwa ppjanat li jitlesta l-proġett?

15/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ninsab infurmat li riċentament ġiet ippublikata sejħa għall-offerti, u x-xogħol hu previst li jiġi konkluż għall-aħħar tas-sena 2024.

Seduta 194
15/01/2024

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – BIDLIET FIL-POLICIES**

**14266. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14228 u jgħid kemm saru bidliet fil-policies applikati mill-Awtorità tal-Ippjanar mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll liema kienu dawn il-bidliet, u f'kull każ, x'wassal għal dawn il-bidliet?

18/12/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 194
15/01/2024

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14268. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13729.

Seduta 194
15/01/2024

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14274. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, tista' tipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa tispeċifika u tgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13729.

Seduta 194
15/01/2024

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14275. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14276. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13729.

Seduta 194
15/01/2024
**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14278. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita

konferenzi u fieri? Jekk iva, jista’ jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13729.

Seduta 194
15/01/2024

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14279. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, tista’ tipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa tispeċifika u tgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13729.

Seduta 194
15/01/2024

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14282. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista’ jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13729.

Seduta 194
15/01/2024

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14283. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista’ jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13729.

Seduta 194
15/01/2024

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14284. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13729.

Seduta 194
15/01/2024

**2023 – SORSI TA' ENERĠIJA**

**14285. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'kienu s-sorsi li ssupplixxew l-enerġija lill-pajjiż kollu nhar l-24 ta' Lulju 2023, u kemm kien l-ammont ta' enerġija (MWhr) minn kull sors imsemmi? Tista' tgħid ukoll x'kien il-peak massimu li ntlaħaq dakinhar, u fil-mument tal-peak liema kienu s-sorsi bl-ammont ta' MW provduti minn kull sors?

19/12/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-24 ta' Lulju 2023, is-sorsi li ssupplixxew l-enerġija lill-pajjiż kienu (i) is-sorsi t'enerġija rinnovabbli, (ii) l-Interconnector, (iii) Delimara 4, (iv) Delimara 3, u (v) l-impjanti t'emerġenza tal-Enemalta.

Matul din il-ġurnata, l-enerġija minn kull sors kienet (i) 1,136MWh mis-sorsi t'enerġija rinnovabbli, (ii) 4,068MWh mill-Interconnector, (iii) 4,653MWh minn Delimara 4, (iv) 2,698MWh minn Delimara 3, u (v) 538MWh mill-impjanti t'emerġenza tal-Enemalta.

Il-peak massimu li ntlaħaq dakinhar kien 649MW.

Fil-mument tal-peak, l-ammont ta' MW provduti minn kull sors kienu (i) 134MW mis-sorsi t'enerġija rinnovabbli, (ii) 175MW mill-Interconnector, (iii) 201MW minn Delimara 4, (iv) 139MW minn Delimara 3, u (v) u 0MW mill-impjanti t'emerġenza tal-Enemalta.

Seduta 194
15/01/2024

**TAS-SLIEMA, TRIQ IT-TORRI – TAPPIERA**

**14286. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Peress illi t-tappiera li tinsab quddiem il-proprjetajiet 145 u 146 fi Triq it-Torri, Tas-Sliema tagħmel storbju kbir kull darba li karozza ssuq minn fuqha li qed jikkawża inkonvenjent kbir lir-residenti tal-proprjetajiet fil-qrib u peress illi t-triq madwar din it-tappiera hija bil-ħsara u xi ħadd ipprova jsewwi dan bi strixxi tal-gomma li issa qed jinqalgħu, kif jidher mir-ritratt mehmuż, jista' l-Ministru jispjega għaliex din it-tappiera ma ġietx imsewwija kif suppost u jgħid meta se tiġi rranġata, biex b'mod immedjat jieqaf l-inkonvenjent kbir li qed isir lir-residenti taż-żona?

19/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI**

**14301. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12980, 13203, 13476, 13638, 13908, 14099 u 14208 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12731, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-salarji, inkluż bonuses, allowances u perkaċċi oħra, li għandhom it-tmien impjegati tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta msemmija fl-istess tweġiba?

20/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MARSA – MOBC - ĦAŻNA TAŻ-ŻEJT**

**14338. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk għadx hemm il-ħsieb illi l-faċilità tal-ħażna taż-żejt tmur fis-sit tal-MOBC fil-Marsa?

21/12/2023
**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jikkjarifika għal liema ħażna taż-żejt qed jirreferi.

Seduta 194
15/01/2024

**IL-KALKARA – FORTI RICASOLI - ĦAŻNA TAŻ-ŻEJT**

**14339. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'passi qed tieħu biex il-faċilità tal-ħażna taż-żejt ma tibqax fil-Forti Ricasoli fil-Kalkara?

21/12/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:**
Nitlob lill-Onor. Interpellant biex fir-rigward ta' kwalunkwe rilokazzjoni, iressaq il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**FAĊILITÀ TAL-ĦAŻNA TAŻ-ŻEJT**

**14340. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx il-ħsieb illi l-faċilità tal-ħażna taż-żejt issir offshore u ma tibqax fil-Forti Ricasoli fil-Kalkara?

21/12/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 14339.

Seduta 194
15/01/2024

**ERA - KWALITÀ TAL-ARJA - DATA**

**14341. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk id-'data' dwar il-kwalità tal-arja mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) ilha x-xhur ma tingħata minħabba li kien hemm bżonn ta' maintenance? Tista' l-Ministru tagħti data jew żmien li fih se tkun qed titranġa s-sitwazzjoni? Tista' wkoll tispjega għalfejn dan id-dewmien kollu?

21/12/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mhux korrett meta jgħid li d-data inkwistjoni ilha xhur ma tingħata. Tali data dejjem kienet aċċessibbli mill-portal tal-internet tal-Aworità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). Infakkar ukoll li d-data li tipprovdi l-ERA tkun replikata fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Infurmata li l-Awtorità kienet qed tagħmel xogħol fuq sistema ġdida għall-istazzjonijiet ta' monitoraġġ u d-data dwar il-kwalità tal-arja u sakemm kien qed isir dan ix-xogħol min kien qed jaċċessa l-websajt tal-Awtorità kien qed ikun ridirezzjonat għall-websajt tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent fejn tkun qed tidher id-data aġġornata li tkun bagħtet l-Awtorità lill-istess Aġenzija. B'dan il-mod kien assigurat li ma jkun hemm l-ebda żmien fejn id-data konċernata ma tkunx aċċessibbli għal kulħadd.

Seduta 194
15/01/2024

**PROBLEMA TA' ĠRIEDEN FIT-TOROQ RESIDENZJALI**

**14342. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx xi studju ambjentali dwar il-problema ta' ġrieden fit-toroq residenzjali Maltin? Tista' tgħid jekk dan l-aħħar ir-rapporti ta' ġrieden fit-toroq hux qegħdin jiżdiedu?

21/12/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**LIĠI SUSSIDJARJA 364.12 - EMENDA**

**14343. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jkun hemm emenda fil-Liġi Sussidjarja 364.12 u ċjoè li jiġi estiż it-terminu impost mil-liġi li fih tindika li l-kuntratti tal-bejgħ iridu jsiru sal-31 ta' Diċembru 2023, u dan minkejja li hu diġà magħruf li mhux se tiġi estiża l-iskema tal-proprjetà residenzjali f'Għawdex li tipprovdi għal rata ta' bolla mnaqqsa ta' 2%, flok 5%?

21/12/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nistieden lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għar-Regola 4 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 364.12 hekk kif emendata bl-Avviż Legali Numru 316 tal-2023.

Seduta 194
15/01/2024

**LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.37 – PERSUNI AKKUŻATI**

**14344. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.37 - Regolamenti dwar Valutazzjoni u Maniġġjar ta' Ħsejjes fl-Ambjent? Jekk kien il-każ, jista' l-Ministru jipprovdi d-dati flimkien mal-akkużi u l-lok ta' fejn seħħ il-każ?

21/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**VETTURI FI STAT ĦAŻIN LI JRIDU JINĠABRU MILL-PULIZIJA**

**14345. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il vettura hawn fit-triq li trid tinġabar mill-Pulizija minħabba l-istat li qiegħda fih, iżda għadha ma nġabritx?

21/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi matul is-sena 2023 il-Korp tal-Pulizija neħħa 717 vetturi mit-toroq Maltin u Għawdxin li ttieħdu ġewwa ta' Kandja għal diversi raġunijiet. Fl-istess perjodu l-aġenzija LESA għamlet towing ta' 1663 vettura minħabba diversi raġunijiet. Infurmat ukoll illi skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13 Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-mutur u Oġġetti ta' Ingombru, hemm awtoritajiet, entitajiet oħrajn u Kunsilli Lokali li għandhom din ir-responsabbiltà.

Seduta 194
15/01/2024

**VETTURI MIĠBURA MILL-PULIZIJA**

**14346. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid u jindika l-postijiet fejn il-vetturi li jinġabru mill-Pulizija qegħdin jitpoġġew?

21/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi f'Malta l-vetturi li jinġabru mill-Pulizija jitpoġġew ġewwa ta' Kandja. Rigward Għawdex vetturi li jiġu miġbura mill-pulizija fuq investigazzjonijiet jinżammu fil-garaxx prinċipali tar-Rabat Għawdex, u f'każ ta' vetturi żgħar u muturi fil-garaxx fl-għassa tal-Munxar. Meta l-ispazju ma jippermettix aktar, dawn jintbagħtu u jitpoġġew ukoll ġewwa ta' Kandja.

Seduta 194
15/01/2024

**BIRKIRKARA - TA' PARIS – XOGĦLIJIET FUQ TOROQ**

**14371. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14213, jista' l-Ministru jgħid jekk it-toroq fl-inħawi Ta' Paris f'Birkirkara li bħalissa qed isiru xi xogħlijiet fihom, hux se jkunu asfaltati kompletament ladarba dawn jitlestew?

21/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi ghat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14213.

Seduta 194
15/01/2024

**BIRKIRKARA - TA' PARIS – XOGĦLIJIET FUQ TOROQ**

**14372. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema huma t-toroq ġewwa Ta' Paris f'Birkirkara li fihom qed isir ix-xogħol bħalissa? Tista' tgħid ukoll kemm se jdum biex ix-xogħol ikun komplut u jekk għandhiex informazzjoni dwar jekk it-toroq hux se jkunu asfaltati mill-ġdid ladarba jitlesta x-xogħol?

21/12/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fiż-żona indikata qegħdin isiru xogħlijiet mill-Enemalta biex tiġi kummissjonata substation ġdida biex tiġi msaħħa s-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku għall-benefiċċju tar-residenti u l-attivitajiet kummerċjali fil-madwar. It-toroq li fihom qegħdin jew se jsiru dawn ix-xogħolijiet huma Triq Kalċidon Gatt, Triq L Casolani, Triq Cannataci, Triq Tumas Galea u Triq Ċensu Costa.

Infurmata li dan ix-xogħol huwa previst li jkun komplut sal-ewwel kwart ta' din is-sena u t-toroq ser jiġu asfalti hekk kif mitlub fil-kundizzjonijiet tal-permess maħruġ mill-Awtorità tat-Trasport.

Seduta 194
15/01/2024

**INĊIDENTI FUQ POSTIJIET TAX-XOGĦOL U SITI TA'KOSTRUZZJONI**

**14386. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti fuq il-postijiet tax-xogħol/ siti ta' kostruzzjoni matul is-sena 2023? Kemm minn dawn l-inċidenti kellhom konsegwenzi fatali?

22/12/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol, għandu jkun enfasizzat li l-istatistika li tingħabar turi biss inċidenti li wasslu għal korriment jew imwiet. Dawn il-parametri huma stabbiliti mill-EUROSTAT.

L-istatistika dwar korrimenti, li tiġi miġbura mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, għal perjodu bejn Jannar u Ġunju hija ppubblikata fuq is-sit tal-NSO, mentri tal-perjodi bejn Lulju u Diċembru 2023 tiġi ppublikata aktar tard din is-sena.

Statistika miġbura mill-OHSA turi li fil-perjodu bejn Jannar u Diċembru 2023, żewġ (2) ħaddiema mietu f'siti ta' kostruzzjoni.

Seduta 194
15/01/2024

**LAQGĦAT BEJN IL-GVERN U KUMPANIJI PRIVATI**

**14394. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid meta saru l-laqgħat bejn rappreżentanti tal-Gvern u rappreżentanti tal-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament? Jista' jgħid ukoll min attenda u jekk jeżistux minuti ta' dawn il-laqgħat?

28/12/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn il-laqgħat saru fil-bidu tas-sena 2018 bħala parti minn konsultazzjoni pubblika wiesgħa fuq is-settur. F'dawn il-laqgħat kienu jattendu uffiċjali mill-Awtorità għas-servizzi finanzjarji MFSA, rappreżentanti mill-Konsulenti Legali Ganado Advocates u uffiċjali oħra tat-Task Force mwaqqfa apposta.

Seduta 194
15/01/2024

**TAXXA PAGABBLI LILL-GVERN**

**14395. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għandhomx jagħtu flejjes f'taxxa lill-Gvern Malti u kemm huwa l-ammont?

28/12/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**MRI – LISTA TA' STENNIJA**

**14397. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm individwi fuq il-lista ta' stennija biex jagħmlu MRI?

28/12/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li minn informazzjoni miġbura mill-Medical Imaging Department tal-Isptar Mater Dei, hemm 15,768 persuna li qed jistennew biex isirilhom MRI.

Ninforma lill-Onor. Interpellant li meta kont għadni Ministru għall-Anzjanità Attiva biss, beda l-proċess sabiex tinxtara MRI għar-Residenza San Vinċenz sabiex taqdi l-ħtiġijiet tar-residenti mingħajr il-bżonn li jmorru Mater Dei u taqdi wkoll nies oħra li jkollhom bżonn.

Seduta 194
15/01/2024

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI - ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2023**

**14398. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2023? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

28/12/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni dwar il-Fond għall-Kawżi Soċjali titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra hekk kif ikun konkluż l-awditjar tar-rapport finanzjarju aktar tard matul is-sena.

Seduta 194
15/01/2024

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI - ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2023**

**14399. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2023? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

28/12/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**MEDIĊINI OUT OF STOCK - NOVEMBRU**

**14403. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-mediċini li kienu out of stock għal xi żmien f'Novembru?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11535.

Seduta 194
15/01/2024

**MEDIĊINI OUT OF STOCK - DIĊEMBRU**

**14404. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-mediċini li kienu out of stock għal xi żmien f'Diċembru?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14403.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL – LIFTS BIL-ĦSARA**

**14405. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-lifts fl-Isptar Mount Carmel, ilhom xhur bil-ħsara, x'azzjoni ttieħdet u għaliex għadhom ma jaħdmux?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kuntrattur konċernat ġie fuq il-post fit-13 ta' Novembru 2023 fejn ġie stabbilit li kien hemm burn out tal-mutur tal-pompa. Il-pompa ġiet konsenjata u se tinbidel fil-ġranet li ġejjin.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL - LIFTS BIL-ĦSARA FIS-SENA 2023**

**14406. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-lifts li ma jaħdmux fl-Isptar Mount Carmel fis-sena 2023 maqsuma xahar b'xahar?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fis-sena 2023 kien hemm 3 lifts li kellhom il-ħsara fl-Isptar Mount Carmel.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR MATER DEI - LIFTS BIL-ĦSARA FIS-SENA 2023**

**14407. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-lifts li ma kenux jaħdmu fl-Isptar Mater Dei fis-sena 2023 maqsuma xahar b'xahar?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi lifts li ma kinux jaħdmu fl-Isptar Mater Dei fis-sena 2023 huma skont it-tabella t'hawn taħt:

| Lift Number | Date Stopped for Modernization | Modernized & Put Back in Service |
|---|---|---|
| D-04 | 31/05/2022 | 05/07/2023 |
| C-06 | 13/03/2023 | 18/04/2023 |
| D-02 | 24/09/2022 | 09/06/2023 |
| D-17 | 09/01/2023 | 17/02/2023 |
| D-18 | 09/01/2023 | 17/02/2023 |

| | | |
|---|---|---|
| C-05 | 13/03/2023 | 18/04/2023 |
| D-01 | 26/06/2023 | 03/08/2023 |
| D-02 | 07/08/2023 | 15/09/2023 |
| D-03 | 15/09/2023 | 23/11/2023 |
| D-09 | 23/11/2023 | Modernization in progress |
| D-10 | 23/11/2023 | Modernization in progress |
| D-19 | 18/04/2023 | 12/05/2023 |
| D-26 | 17/02/2023 | 13/03/2023 |
| D-27 | 17/02/2023 | 13/03/2023 |

Seduta 194
15/01/2024

**SAINT JEAN ANTIDE U WARD 8B - LIFTS BIL-ĦSARA**

**14408. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-liftijiet fis-swali Saint Jean Antide u Ward 8b ilhom żmien twil ma jaħdmux?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-parti tal-lift li ġarrbet ħsarat kellha tiġi ordnata minn barra. Il-parti waslet u se tiġi installata.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL – ATTIVITAJIET SOĊJALI - NEFQA**

**14409. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk fis-sena 2023 intefqux flus f'attivitajiet soċjali mill-fond tas-saħħa mentali tal-Isptar Mount Carmel?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li ma saret ebda nefqa f'attivitajiet soċjali mill-fond tas-saħħa mentali tal-Isptar Mount Carmel.

Seduta 194
15/01/2024

**MATER DEI – ĊENTRU TAL-ONKOLOĠIJA - XOGĦLIJIET**

**14410. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tax-xogħol li qed isir biswit iċ-Ċentru tal-Onkoloġija f'Mater Dei u meta ser ikun lest?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi x-xogħol li qed isir ħdejn iċ-Ċentru tal-Onkoloġija fl-Isptar Mater Dei bħalissa huwa taħriġ, handing over u manutenzjoni ta' MR LINAC u dak relatati miegħu kif ukoll software tal-IT u tagħmir effiċjenti fl-enerġija li għandhom jiġu installati fid-Dipartiment tar-Radjoterapija fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo (SAMOC), inkluż id-disinn u l-bini ta' Bunker Area ddedikata biex tospita l-MR LINAC, skont standards ta' prestazzjoni tal-Enerġija u Ambjent.
L-ewwel pazjenti huma mistennija li jiġu kkurati fuq din il-magna sa tmiem it-tieni kwart tal-2024.

Seduta 194
15/01/2024

**ĦAL QORMI – ĊENTRU TAS-SAĦĦA - XOGĦLIJIET**

**14411. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi u meta ser ikun qed jitlesta?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li x-xogħlijiet ta' modernizzazzjoni fuq iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi għaddejjin skont il-pjan, u hu mistenni li jitlestew sal-aħħar ta' Q1-2024.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - PERSUNI INGAĠĠATI BĦALA PERSON OF TRUST JEW POLITICAL APPOINTMENT**

**14412. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-ismijiet tal-persuni li huma ingaġġati mal-Ministeru tiegħu bħala person of trust jew li ngħataw political appointment?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - PERSUNI INGAĠĠATI BĦALA PERSON OF TRUST JEW POLITICAL APPOINTMENT**

**14413. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'titlu jokkupaw il-persuni li huma ingaġġati mal-Ministeru tiegħu bħala person of trust jew li ngħataw political appointment?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - PERSUNI INGAĠĠATI BĦALA PERSON OF TRUST JEW POLITICAL APPOINTMENT - SALARJI**

**14414. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'salarji jingħataw il-persuni li huma ingaġġati mal-Ministeru tiegħu bħala person of trust jew li ngħataw political appointment, għal kull pożizzjoni li ngħataw?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR MATER DEI – RIŻENJI**

**14415. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13793, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm raġuni għar-riżenji tal-ħaddiema li kienu jaħdmu bħala tobba, infermiera u allied health professionals imsemmija fl-istess tweġiba?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-impjegati mhumiex obbligati li jipprovdu raġuni għar-riżenja tagħhom.

Seduta 194
15/01/2024

**SETTUR TAS-SAĦĦA - INFERMIERA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 60 SENA**

**14416. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm hemm ħaddiema fis-settur tas-saħħa li qed jaħdmu bħala infermiera u li għandhom 'il fuq minn 60 sena?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 306 ħaddiema fis-settur tas-saħħa li qed jaħdmu bħala infermiera u li għandhom 'il fuq minn 60 sena.

Seduta 194
15/01/2024

**SETTUR TAS-SAĦĦA - CHARGE NURSE JEW PRACTICE NURSE LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 60 SENA**

**14417. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm hemm ħaddiema fis-settur tas-saħħa li qed jaħdmu bħala infermiera u għandhom 'il fuq minn 60 sena u jokkupaw titlu ta' charge nurse jew practice nurse u f'liema settur jaħdmu?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fis-settur tas-saħħa hemm 68 Charge Nurses u 14-il Practice Nurse li għandhom 'il fuq minn 60 sena.

Seduta 194
15/01/2024

**DJAR TAL-ANZJANI – LISTA TA' STENNIJA**

**14418. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13782 u jgħid, fid-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm hemm persuni fuq il-lista ta' stennija biex jidħlu f'dar tal-anzjani u kemm minnhom jinsabu fi sptar u kemm minnhom jinsabu fid-dar tagħhom?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 1627 anzjan/a li qed jistennew li jiddaħħlu f'dar tal-anzjani tal-Istat u/jew tal-privat wara li sarulhom l-assessments u ġie deċiż li jikkwalifikaw għal dan.

Seduta 194
15/01/2024

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ – BERĠA TAS-SAĦĦA**

**14419. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid instabx post alternattiv għall-berġa tas-saħħa f'Ħaż-Żebbuġ, Malta?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi wara li saru hafna tentattivi biex jinstab sit alternattiv, il-pass li jmiss hu li nitolbu lill-Aġenti tal-Proprjetà lokali biex jaraw jekk għandhomx proprjetajiet fil-listi tagħhom li jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħiet ippubblikati.

Seduta 194
15/01/2024

**RABAT, MALTA – TRIQ IT-TABIJA – PANNELLI SOLARI**

**14420. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta se tkun qed issir manutenzjoni fuq il-pannelli solari li jinsabu fuq bankina fi Triq it-Tabija, fir-Rabat, Malta, peress li ilhom xhur twal ma jaħdmux u anke peress li huma ta' periklu minħabba li dawn jiżolqu?

02/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**BINJIET TA' GĦERIEXEM - XOGĦLIJIET**

**14421. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13392, jista' l-Ministru jagħti lista dettaljata tax-xogħlijiet li saru f'din il-binja (Binja Għeriexem) matul dawn l-aħħar sentejn u jgħid x'kienet in-nefqa?

02/01/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jekk qed jirreferi għall-Blokok 4 u 5 fi Triq Għeriexem, dawn l-aħħar sentejn twettqu xogħlijiet ta' tiswija ta' kolonni u soqfa fil-kuritur u tromba komuni tal-blokok, kif ukoll tiswijiet strutturali meħtieġa f'żewġ proprjetajiet li jappartjenu lill-Awtorità tad-Djar. In-nefqa totali kienet ta' €27,206.

Seduta 194
15/01/2024

**RABAT, MALTA - BINJIET TA' AKKOMODAZZJONI TAL-GVERN - LIFTS**

**14422. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' liema huma l-binjiet ta' akkomodazzjoni tal-Gvern fir-Rabat, Malta li huma aċċessibbli b'lift, dawk li mhumiex aċċessibbli b'lift, u dawk li preżentement għandhom lift iżda ma jaħdimx?

02/01/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fir-Rabat hemm tlettax-il blokka (13) b'lift installat, tlett (3) blokok b'lift mhux installat u seba' (7) blokok b'applikazzjoni biex jinstallaw il-lift.

Seduta 194
15/01/2024

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ - BINJIET TA' AKKOMODAZZJONI TAL-GVERN - LIFTS**

**14423. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' liema huma l-binjiet ta' akkomodazzjoni tal-Gvern f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, li huma aċċessibbli b'lift, dawk li mhumiex aċċessibbli b'lift, u dawk li preżentement għandhom lift iżda ma jaħdimx?

02/01/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Ħaż-Żebbuġ hemm disa'(9) blokok b'lift installat, erbatax-il (14) blokk b'lift mhux installat, tlett (3) blokok b'applikazzjoni attiva biex jiġi installat lift, u blokka waħda li qed jiġi installat lift bħalissa.

Seduta 194
15/01/2024

**MALTA – IMTARFA - BINJIET TA' AKKOMODAZZJONI TAL-GVERN - LIFTS**

**14424. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' liema huma l-binjiet ta' akkomodazzjoni tal-Gvern fl-Imtarfa, Malta, li huma aċċessibbli b'lift, dawk li mhumiex aċċessibbli b'lift, u dawk li preżentement għandhom lift iżda ma jaħdimx?

02/01/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-Imtarfa hemm blokk wieħed b'lift installat u b'applikazzjoni attiva sabiex jinbidel il-lift.

Seduta 194
15/01/2024

**XIRI TA' UNIFORMIJIET GĦALL-ALLIED HEALTH PROFESSIONALS**

**14425. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11770 u 12113, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ir-rapport ta' Evalwazzjoni għall-approvazzjoni tal-għotja mill-GCC għax-xiri ta' uniformijiet tal-allied health professionals minħabba li wara xahrejn ma ngħataw l-ebda uniformijiet u li dawn l-istess professjonisti ilhom jistennew din l-uniformi għal snin twal?

02/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Intrpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**WIED IL-QLEJGĦA - MANUTENZJONI TAT-TRIQ LI WAQGĦET**

**14426. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal ix-xogħol ta' manutenzjoni tat-triq li waqgħet iktar minn sentejn ilu f'Wied il-Qlejgħa?

02/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 11541 ninformah li x-xogħol li għaddej bħalissa fuq il-bini mill-ġdid tat-triq indikata jinvolvi t-tħaffir u l-kostruzzjoni ta' diversi piles matul l-embankment kollu tal-ilqugħ prinċipali tal-wied. Dawn il-piles se jiffurmaw il-pedament u ser iservu biex il-wiċċ tat-triq eventwalment ikun ankrat (imwaħħal) mal-blat u b'hekk ikun aktar sigur.

Seduta 194
15/01/2024

**SERVIZZ TA' ASSISTENZA PERSONALI – UŻU TAS-SUSSIDJU**

**14455. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13960 tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna preżentement qiegħda tibbenefika minn sussidju għal Direct Payment, għal Independent Community Living, u għal Assistenti Personali, maqsuma separatament? Għal kull kategorija tista' tispeċifika l-etajiet ta' dawk li qegħdin jibbenefikaw minn tali sussidju?

03/01/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lil-Onor. Interpellanta li kull kategorija ta' sussidju, fid-data tat-tweġiba, qed jagħmlu użu minnha kif ġej:

| | **Ammont ta' benefiċjarji** | **Età** |
|---|---|---|
| Direct Payment | 189 | 104 bejn 0 u 17-il sena<br>49 bejn 18 u 35 sena<br>36 minn 36 sena 'l fuq |
| Independent Community Living | 95 | 47 bejn 0 u 17-il sena<br>28 bejn 18 u 35 sena<br>20 minn 36 sena 'l fuq |
| Personal Assistant | 99 | 24 bejn 0 u 17-il sena<br>23 bejn 18 u 35 sena<br>52 minn 36 sena 'l fuq |
| **Total** | **383** | |

Seduta 194
15/01/2024

**QAWRA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA - PJANTI**

**14457. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjanti oriġinali li kienu sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' ċentru tas-saħħa fil-Qawra? Jista' jqiegħed ukoll kopja tal-pjanti mibdula li ġew sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-istess ċentru tas-saħħa?

03/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**MARSAXLOKK - TRIQ SANTA KATARINA - XOGĦLIJIET**

**14458. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex ser isir ix-xogħol neċessarju fi Triq Santa Katarina ġewwa Marsaxlokk peress illi għandha bżonn u hija użata sew?

03/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Triq Santa Katerina hija fost il-lista ta' toroq li l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ppropona lil Infrastructure Malta biex twettaq xogħlijiet fihom. Ix-xogħlijiet jikkonsisti f'bini tat-triq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-

asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Ix-xogħol jibda skont l-esiġenzi tat-toroq li l-Kunsill Lokali ppropona.

Seduta 194
15/01/2024

**MARSAXLOKK – TRIQ SANTA KATARINA - XOGĦLIJIET**

**14460. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex ser isir ix-xogħol neċessarju fi Triq Santa Katarina ġewwa Marsaxlokk peress illi għandha bżonn u hija użata sew?

03/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li Triq Santa Katerina hija fost il-lista ta' toroq li l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ppropona lil Infrastructure Malta biex twettaq xogħlijiet fihom.

Seduta 194
15/01/2024

**ĦAL LIJA - TRIQ IT-TRASFIGURAZZJONI - TISWIJA FIL-FAĊILITAJIET PUBBLIĊI**

**14462. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ser idumu biex jiġu msewwija l-faċilitajiet pubbliċi li hemm fi Triq it-Trasfigurazzjoni ġewwa Ħal Lija?

03/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**IL-FURJANA - TRIQ FRANGISK SAVER FENECH – ĠBIR TA' ŻEBBUĠ**

**14463. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx il-ħsieb li ż-żebbuġ li hemm fis-siġar taż-żebbuġ fi Triq Franġisk Saver Fenech, il-Furjana, jiġu miġbura?

03/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-ammont ta' siġar taż-żebbuġ li hemm f'dan is-sit ma jipproduċux ammont biżżejjed li jkun ekonomikament vijabbli biex dan ikun ipproċessat.

Seduta 194
15/01/2024

**RAĦAL ĠDID - PJAZZA ANTOINE DE PAULE - XOGĦLIJIET**

**14470. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 13940 u 14149, jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx ivvutati fondi sabiex il-Pjazza ta' Raħal Ġdid tiġi maqlugħa u ssir mill-ġdid?

03/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet tekniċi sabiex tiġi stabbilità l-aħjar triq 'il quddiem għal din il-pjazza.

Seduta 194
15/01/2024

**RAĦAL ĠDID – PACE GRASSO GROUND - ŻBIR TA' SIĠRA**

**14473. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11554, 11555, 11556, 13929, 14146 u 14147, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u lill-Prim Ministru, jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex possibbli li jsir iż-żbir tas-siġra kif indikata fl-istess mistoqsijiet?

03/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jindirizza din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**QRATI TA' MATA - APPELLI**

**14474. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew deċiżi appelli mill-Qorti Kostituzzjonali, mill-Qorti tal-Appell Superjuri u mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-snin 2021, 2022 u 2023?

03/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabelli bl-informazzjoni mitluba.

Seduta 194
15/01/2024

**ITTRI UFFIĊJALI TAĦT L-ARTIKOLU 166A**

**14475. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14031 u jgħid kemm ġew preżentati ittri uffiċjali taħt l-Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili minn meta ġiet introdotta sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija maqsuma sena b'sena u b'kemm ġew reżi eżegwibbli?

03/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li tindika kemm ġew preżentati ittri uffiċjali taħt l-artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili u kemm minnhom ġew reżi eżekuttivi hekk kif miġbura sal-aħħar tal-2023.

Seduta 194
15/01/2024

**TRAFFIKAR TA' DROGA – KAŻIJIET ĠODDA FIL-QRATI**

**14476. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ġodda preżentati quddiem il-Qrati ta' Malta marbuta ma' traffikar ta' droga matul is-sena 2023?

03/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi matul is-sena 2023 kien hemm tlieta u sebgħin (73) każ marbuta ma' traffikar ta' droga, preżentati quddiem il-Qrati ta' Malta.

Seduta 194
15/01/2024

**TAX DEDUCTION FIL-PENSJONI**

**14477. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14027 u cjoè: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 9431 u 12437, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi żviluppi ulterjuri dwar it-tax deductions fil-pensjoni maħruġa *ai termini* tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali?

03/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-testing li kien hemm bżonn isir sar, u issa d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali qiegħed konformi mat-tax deductions.

Seduta 194
15/01/2024

**DEĊIŻJONI TA' SENTENZA**

**14478. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 14025 u 14026 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża rispettivament, jista' l-Prim Ministru jgħid x'passi ulterjuri ser jittieħdu fir-rigward tal-impjegati varji wara u in konsegwenza tas-sentenza deċiża fil-25 ta' Frar 2021, li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, u dan kemm għall-impjegati li kienu parti fil-kawża kif ukoll dawk li ma kinux parti imma li għandhom interess?

03/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**RESTAWR TA' KOTBA**

**14479. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13949 u jipprovdi lista bit-titoli tal-kotba li ġew restawrati fl-2022 u fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 14150.

Seduta 194
15/01/2024

**VETTURI "Y-PLATE" - SPEZZJONIJIET MINN UFFIĊJALI TA' TRANSPORT MALTA**

**14480. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12973, jista' l-Ministru jgħid jekk humiex qed isiru spezzjonijiet tal-ambjent u l-kundizzjonijiet ta' ġewwa l-vetturi fejn jitilgħu l-passiġġieri?

03/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi uffiċjali ta' Transport Malta regolarment jispezzjonaw vetturi tal-kategorija msemmija sabiex jiżguraw li jkunu miżmuma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Tali spezzjonijiet jinkludi l-kundizzjonijiet ta' ġewwa l-vetturi. Infatti matul il-perjodu tal-festi, Transport Malta saħansitra ikkonfiskat n-numru ta'reġistrazzjoni ta' vettura ta' din il-kategorija peress li l-interjuri ta' din il vettura ma kienx fi stat tajjeb.

Seduta 194
15/01/2024

**NAXXAR - TRIQ IL-FORTIZZA TAL-MOSTA - ROTOT TAL-LINJA**

**14507. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema huma r-rotot tal-linja li jgħaddu minn Triq il-Fortizza tal-Mosta, Naxxar? Jista' jgħid ukoll jekk hux possibbli li tiżdied il-frekwenza ta' dawn l-istess rotot u jara li jkun hemm bus shelters f'din it-triq?

04/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li hemm rotot tas-servizz tat-trasport li jghaddu mill-vicinanzi u cioe minn Triq Murray u Triq San Pawl fin-Naxxar.

Hemm tlett rotot li jgħaddu mill-imsemmija toroq kif isegwi:

· Rotta 49 li topera bejn l-Għadira u il Belt Valletta

· Rotta 260 li topera bejn il- Għargħur u il Belt Valletta via l-Isptar Mater Dei

· Rotta 103 li topera bejn Pembroke u il-Mosta

Dawn ir-rotot joperaw bi frekwenza ta' kull siegħa.

Ninforma ukoll lill-Onor. Interpellant li ittieħdet nota tas-suġġeriment li tiżdied il-frekwenza fuq dawn ir-rotot.

Fir-rigward tal-bus shelters, nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposti li ingħataw għal diversi mistoqsijiet parlamentari. Għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-parti tal-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**TRASPORT PUBBLIKU - ROTTA GĦAR-RESIDENTI TAL-WARDIJA**

**14508. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11821, jista' l-Ministru jgħid xi żviluppi kien hemm dwar ir-rotta għall-vjaġġi tal-karozzi tal-linja sabiex jingħata servizz lir-residenti tal-Wardija f'diversi ħinijiet matul il-ġurnata?

04/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din ir-rotta kienet tneħħiet minħabba li ma kenitx vijabbli peress li d-domanda kienet waħda baxxa ħafna. Filwaqt li għal darba oħra qegħda tittieħed nota ta' dan is-suġġeriment, ninsab infurmat li għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni f'dan ir-rigward.

Seduta 194
15/01/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IX-XAGĦRA TAL-BANDIERI - XOGĦLIJIET**

**14509. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'kien ix-xogħol li sar mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC)

fi Triq ix-Xagħra tal-Bandieri, f'San Pawl il-Baħar? Fid-dawl li r-residenti ta' din it-triq ilhom iktar minn sena jbatu inkonvenjenzi u diffikultajiet kbar biex jaslu fir-residenzi tagħhom, tista' l-Ministru tassigura li x-xogħol li fadal isir jitlesta fl-iqsar żmien possibbli? Tista' tgħid ukoll meta hu mistenni li jitlesta x-xogħol kollu hawnhekk?

04/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata illi l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma lestiet ix-xogħlijiet li għamlet fit-triq indikata biex ittejjeb l-infrastruttura tad-drenaġġ u huwa ppjanat li l-għoti tal-asfalt jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 194
15/01/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN PUBLIJU – PROĠETT**

**14510. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14113 dwar proġett fi Triq San Publju, f'San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar x'irriżulta mill-ispezzjonijiet li saru mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali?

04/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN PUBLIJU – PROĠETT**

**14511. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14113 dwar proġett fi Triq San Publju, f'San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar x'kienet ir-raġuni li qabel kienu ntalbu permessi DNO għall-istess xogħol?

04/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN PUBLIJU – PROĠETT**

**14512. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti għall-proġett fi Triq San Publju, f'San Pawl il-Baħar? Jista' jgħid ukoll kemm hi l-istima ta' dan il-proġett?

04/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanta tal-proġett, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istima skont it-tender hija ta' €111,380.

Seduta 194
15/01/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN PUBLIJU – PROĠETT**

**14513. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid meta hu mistenni li jkompli dan il-proġett fi Triq San Publju, f'San Pawl il-Baħar? Jista' jgħid ukoll meta hu mistenni li jitlesta dan il-proġett?

04/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmat li l-ebda xogħlijiet ma jistgħu jsiru sakemm jinħarġu istruzzjonijiet ulterjuri min-naħa tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Il-perjodu ta' żmien għat-tlestija tal-proġett huwa stmat li jdum 33 ġimgħa. Dan ma jqisx il-perjodu ta' żmien tal-waqfien imsemmi.

Seduta 194
15/01/2024

**LIĊENZJAR TA' KUNTRATTURI - APPLIKAZZJONIJIET**

**14515. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14019 dwar applikazzjonijiet marbutin mal-liċenzjar tal-kuntratturi, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm kuntratturi li applikaw għal iktar minn liċenzja waħda? Jekk iva, jista' jgħid kemm kien l-ammont u għal liema liċenzji applikaw?

04/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat, li kif jidher hawn taħt, kien hemm kuntratturi li applikaw għal iktar minn liċenzja waħda. L-ammont ta' kuntratturi li applikaw għal aktar minn liċenzja waħda huma hekk kif ġej:

Skavar u Twaqqigħ: 680
Skavar u Kostruzzjoni: 566
Twaqqigħ u Kostruzzjoni: 967
Skavar, Twaqqigħ u Kostruzzjoni: 523

Seduta 194
15/01/2024

**ICL BOARD - MEMBRI**

**14516. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu l-persentaġġ (mill-membri kollha) ta' persuni b'diżabilità li jiffurmaw l-ICL Board u dan mingħajr ma tidentifika min huma dawn il-membri iżda tagħti biss l-informazzjoni bħala numru?

04/01/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li wieħed minn tmien membri li jiffurmaw parti mill-ICL Board għandhom diżabilità.

Seduta 194
15/01/2024

**ICLA BOARD - MEMBRI**

**14517. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu l-persentaġġ (mill-membri kollha) ta' persuni b'diżabilità li jiffurmaw l-ICLA Board u dan mingħajr ma tidentifika min huma dawn il-membri iżda tagħti biss l-informazzjoni bħala numru?

04/01/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tnejn minn ħames membri li jiffurmaw parti mill-ICLA Board għandhom diżabilità.

Seduta 194
15/01/2024
**SKEMI GĦAL RESTAWR TA' POSTIJIET STORIĊI**

**14518. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13598, jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema li biha l-kunsilli lokali jipproponu fejn jixtiequ li d-Direttorat tar-Restawr u Preservazzjoni jagħmel restawr fil-lokalità tagħhom ħarġitx u jekk iż-żmien li fih setgħu jsiru l-proposti għalaqx? Jista' jgħid ukoll min seta' japplika għal din l-iskema u jekk din l-iskema tinvolvix spejjeż għal min japplika?

04/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li l-iskema li biha l-kunsilli lokali jipproponu fejn jixtiequ li d-Dipartiment tar-Restawr u Preservazzjoni jagħmel restawr fil-lokalità tagħhom se tinħareġ fil-ġimgħat li ġejjin, hekk kif għadha kif bdiet is-sena 2024.

Intant infurmat ukoll li mal-iskema jinħarġu l-kundizzjonijiet ta' eliġibilità li jiggwidaw lill-Kunsilli Lokali dwar min jista' japplika u x'tip ta' proġetti jikkwalifikaw għall-konsiderazzjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni li jitwaqqaf biex jagħżel il-proġetti li jkunu se jitwettqu taħt din l-iskema.

Finalment infurmat li m'hemmx spejjeż għall-Kunsilli li japplikaw, għajr il-ħlas tal-miżata tal-Awtorità kkonċernata għall-applikazzjoni tal-permessi tal-proġetti li jkunu se jitwettqu.

Seduta 194
15/01/2024

**SKEMA 'KOMUNITAJIET IKTAR SIGURI U ORGANIZZATI' - KUNSILLI LI APPLIKAW**

**14519. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-kunsilli lokali li applikaw għall-iskema 'Komunitajiet iktar siguri u organizzati' u li l-applikazzjoni tagħhom ma ġietx aċċettata? Jista' jgħid ukoll min seta' japplika għal din l-iskema, liema kien il-perjodu li fih setgħu jiġu sottomessi dawn l-applikazzjonijiet u liema hu l-perjodu li fih irid jiġi attwat il-proġett?

04/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li l-uniku Kunsill Lokali li applika għal-Iskema 'Komunitajiet iktar siguri u organizzati' u li l-applikazzjoni tiegħu ġiet meqjusa 'mhux eliġibbli' kien il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa.

Infurmat ukoll li għal din l-Iskema setgħu japplikaw il-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex.

Intant infurmat li l-perjodu li fih setgħu jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet kien bejn l-20 ta' Marzu 2023 sat-28 ta' Lulju 2023, filwaqt li l-perjodu li fih irid jiġi attwat il-proġett hu sal-15 ta' Novembru 2024.

Seduta 194
15/01/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - UFFIĊĊJU TAS-'SERVIZZ.GOV'**

**14520. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13349, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk iċ-ċentru tal-Qawra hux qed jinfetaħ? Jekk iva, jista' jgħid x'inhuma l-granet u l-ħinijiet li fih qed jinfetaħ dan iċ-ċentru?

04/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li ċ-Ċentru l-ġdid ta' San Pawl il-Baħar ntlaqa' tajjeb ħafna minn dawk li jużaw is-servizz u minn analiżi li għamel is-Servizz Pubbliku jirriżulta li 70% tal-individwi li jagħmlu użu minnu qed isibu dan iċ-Ċentru eqreb minn dak tal-Qawra.

Għalhekk kont infurmat li l-Aġenzija servizz.gov hija inklinata li fl-immedjat tiffoka l-ħidma u s-servizzi tagħha miċ-Ċentru ta' San Pawl il-Baħar.

Fl-istess ħin l-Aġenzija tibqa' flessibbli u impenjata li twieġeb minnufih jekk tinqala' l-ħtieġa li jerġa' jiftaħ iċ-Ċentru tal-Qawra fi ġranet speċifiċi abbażi ta' ċirkostanzi u domanda li jkunu qed jevolvu.

Seduta 194
15/01/2024

**LISTA TA' ĠURATI**

**14522. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jispjega kif tiġi kkumpilata l-lista ta' persuni li huma eleġibbli biex iservu bħala ġurat u kull kemm din tiġi aġġornata? Jista' jgħid ukoll jekk persuni li jkunu ntgħażlu, u servew bħala ġurat, ikunux eżentati għal perjodu ta' żmien milli jerġgħu jintgħażlu biex iservu għal darb'oħra, jew dawn immedjatament jerġgħu jkunu parti mil-lista ta' persuni eleġibbli biex iservu bħala ġurat?

04/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-lista ta' persuni li huma eliġibbli sabiex iservu bħala ġurat tiġi kkompilata u aġġornata skont dak li jipprovdi l-artikolu 605 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-eżenzjoni ta' ġurat wara li jservi f'ġuri tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jkun mexxa l-ġuri. Jekk ma tingħatax eżenzjoni l-istess ġurat jista' jerġa' jintgħażel fil-ġuri ta' wara.

Seduta 194
15/01/2024

**TA' QALI CRAFTS VILLAGE**

**14523. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jispjega fiex wasal il-proġett ta' Ta' Qali Crafts Village u jelenka min huwa responsabbli għat-tkomplija tal-kumplament tax-xogħlijiet li fadal xi jsiru biex ix-xogħlijiet f'dan il-villaġġ ikunu totalment kompluti? Jista' jgħid ukoll x'inhuma r-raġunijiet li bħalissa qegħdin iżommu lura t-tlestija tal-villaġġ?

04/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Huwa stmat li madwar sebgħin fil-mija tal-proġett huwa lest. INDIS ilha sa mis-sena 2019 illi lestiet ix-xogħol infrastrutturali kollu li kienet responsabbli għalih bħat-toroq, servizzi, bankini, ġardenin u anke street furniture. Is-sena l-oħra ġie wkoll inawgurat l-Incubation Centre u dis-sena jiġu wkoll inawgurati id-Dying Crafts Centre u l-Istart Up Centre.
Ix-xogħol kollu li fadal huwa ta' sidien illi ħadu l-art b'enfitewsi u li huma obbligati jlestuha skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Seduta 194
15/01/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - AVUKATI INTERNI - SEJĦIET**

**14524. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12571, 13873, 14102 u 14222 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12158, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħiet kollha li nħarġu sabiex kienu impjegati l-avukati li jaħdmu internament fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet u li għamel referenza għalihom fit-tweġiba tiegħu?

04/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRIZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qiegħed jinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**IL-BELT VALLETTA – KUNTRATT TA' FOND**

**14525. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14103 u 14223 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12645, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt li skada fl-2017?

04/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra id-dokument mitlub.

Seduta 194
15/01/2024

**HOME OWNERSHIP SCHEME - KAŻIJIET MHUX SOLVUTI**

**14526. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13853, u jgħid kemm fadal każijiet tal-Home Ownership Scheme li għadhom ma ġewx solvuti mill-Awtorità tal-Artijiet?

04/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**HOME OWNERSHIP SCHEME - KAŻIJIET SOLVUTI**

**14527. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13852, u jgħid matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il każ tal-Home Ownership Scheme solviet l-Awtorità tal-Artijiet? Jista' għal kull każ jindika kemm ingħata kumpens lis-sidien oriġinali u jindika n-numru ta' każijiet solvuti u l-kumpens imħallas lokalità b'lokalità?

04/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li n-numru ta' każijiet tal-Home Ownership li l-Awtorità tal-Artijiet solviet matul l-2023 kien ta' 16. L-ammont ta' kumpens imħallas lokalità b'lokalità huwa dak indikat fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 194
15/01/2024

**GĦAWDEX – DWEJRA – LATRINA**

**14529. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet fuq il-latrina tad-Dwejra u jagħti timeframe ta' meta għandhom ikunu lesti?

04/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol tas-servizz tal-ilma u d-drenaġġ tlesta. Ix-xogħlijiet l-oħrajn mistennija jkunu lesti fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 194
15/01/2024

**SERVIZZI TA' TINDIF - KUNTRATTI**

**14531. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti kollha relatati mas-servizzi ta' tindif irreferuti fir-rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem Report by the Auditor General on the Public Accounts 2022 li saru permezz ta' proċeduri nnegozjati?

04/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratti mitluba ma jistgħux jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra minħabba li fihom informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Seduta 194
15/01/2024

**SERVIZZI MOGĦTIJA PREŻENZJALMENT**

**14532. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jelenka s-servizzi kollha li qed jingħataw preżenzjalment permezz ta' proċeduri nnegozjati anke dawk li sal-lum għad ma hemm ebda kuntratt iffirmat?

04/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn huma s-servizzi li qed jingħataw preżenzjalment permezz ta' proċeduri nnegozjati:
AACC Servizz ta' Infermiera u Carers Domiċiljari (Servizz ta' CommCare)
- Proċedura ta' Negozjar tagħlaq fit-2 ta' Frar 2024.

Tender ġie ppubblikat u sejħa għall-offerti għalqet fit-12 ta' Diċembru. Evalwazzjoni tal-offerti qiegħda fis-seħħ.
AACC Servizz ta' Għajnuna fid-Dar (Home Help Service)
- Proċedura ta' Negozjar tagħlaq fit-2 ta' April 2024.
- Sejħa tal-offerti ġiet aġġudikata. Peress li tender ħareġ bil-call-offs, tliet operaturi għaddew għat-tieni stadju. Jonqos wieħed mill-offerenti li jaċċetta l-għotja ħalli nkunu nistgħu nipproċedu bil-call-offs. L-operatur jonqos jipprovdi ċ-ċertifikat ta' Konformità lid-dipartiment tal-kuntratti biex ikun jista' jaċċetta l-offerta u jipproċedi għall-call-offs.

AACC Servizz Meals on Wheels
- Proċedura ta' Negozjar tagħlaq fl-24 ta' Frar 2024.
- L-evalwazzjoni tat-tender tlestiet u l-perjodu ta' oġġezzjoni għalaq fl-4 ta' Diċembru 2023. L-AAKK għadu jistenna lid-Dipartiment tal-Kuntratti biex jibgħat il-kuntratt lill-kuntrattur magħżul.

AACC Xiri ta' Sodod għall-kura fit-tul f'Djar Residenzjali Privati
- Din il-proċedura qiegħda tintuża bħalissa għall-xiri ta' sodod f'Djar Residenzjali Privati minħabba n-natura tas-servizz.

SVP Proċeduri negozjata għas-servizz tal-Care u Support Workers ġewwa San Vinċenz (SVP 26/2023)
SVP Proċeduri negozjata għas-servizz tal-Provizzjoni ta' servizzi għas-Sigurtà ġewwa San Vinċenz (SVP 48/2023)

Seduta 194

15/01/2024

**SERVIZZI MOGĦTIJA B'KUNTRATTI SKADUTI**

**14533. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jelenka liema huma s-servizzi li bħalissa qed joperaw abbażi ta' kuntratti skaduti u għaliex dawn is-servizzi qiegħdin jingħataw b'kuntratti skaduti? Jista' jgħid ukoll meta ser ikunu qed jinħargu t-tenders għal dawn is-servizzi?

04/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità qed jiżgura li s-servizz ta' Prodotti ta' Inkontinenza qed jkun provdut għal Ċittadini Anzjani u Persuni b'Diżabilità f'Malta fi ħdan l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità – Skema A u Skema B.
Ninsab infurmat ukoll li t-tender kif ukoll il-proċedura ta' negozjati qiegħda fi stadju ta' appell għand il-Bord ta' Reviżjoni tal-Kuntratti Pubbliċi.

Seduta 194
15/01/2024

**MEALS FOR HOMES - KUNTRATTI**

**14534. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti kollha relatati mal-'Meals for Homes' irreferuti fir-rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem Report by the Auditor General on the Public Accounts 2022 li saru permezz ta' proċeduri nnegozjati?

04/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratti mitluba ma jistgħux jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra minħabba li fihom informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Seduta 194
15/01/2024

**DOMICILIARY SERVICES - KUNTRATTI**

**14535. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti kollha relatati mad-Domiciliary Services irreferuti fir-rapport maħrug mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem Report by the Auditor General on the Public Accounts 2022 li saru permezz ta' proċeduri nnegozjati?

04/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratti mitluba ma jistgħux jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra minħabba li fihom informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Seduta 194
15/01/2024

**ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ - STANDARD OPERATING PROCEDURES**

**14536. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (AACC) topera mingħajar ebda 'standard operating procedures' interni? Jista' jgħid ukoll meta ser ikunu qed isiru dawn il-proċeduri sabiex jassigura li r-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku jiġu osservati?

04/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità topera bl-istandard operating procedures li jintużaw mid-Dipartiment tal-Kuntratti u ma' kull tibdil f'dawn il-proċeduri li jiġu ppublikati matul is-sena.

Seduta 194
15/01/2024

**MARD U DIŻABILITÀ**

**14539. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji li wieħed għandu jissodisfa biex persuna li għandha kundizzjoni, marda jew diżabilità jiġu mwieżna mill-Istat?

04/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**AGRICONNECT – SERVIZZI OFFRUTI**

**14541. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali kkonsultawx mal-Ministeru għal Għawdex rigward il-ftuħ ta' AgriConnect ġewwa Għawdex, partikolarment peress illi din l-entità ser toffri servizzi simili u in kompetizzjoni ma' servizzi offruti minn Rural Gozo mill-Farm tal-Gvern ġewwa x-Xewkija?

04/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14540.

Seduta 194
15/01/2024

**KAŻ TA' INDIVIDWU - INKJESTA**

**14542. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13358, jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-familja ma ġietx infurmata li għaddejja inkjesta fuq il-mewt tal-pazjent li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-investigazzjoni interna għadha għaddejja u l-Bord maħtur għadu qiegħed jisma' diversi xhieda.

Seduta 194
15/01/2024

**INFERMIERA U QWIEBEL BI DUAL JEW CONCURRENT APPOINTMENT**

**14543. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm infermiera u qwiebel bi dual jew concurrent appointment mill-25 ta' Settembru 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn

dawn il-persuni ntalbu jagħżlu liema appointment iridu jżommu wara l-ftehim settorjali mal-infermiera u l-qwiebel f'Settembru 2023?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fost l-infermiera kien hemm 14-il dual appointment. Fost il-qwiebel, kien hemm 4 dual appointments.

Kollha ġew mitluba biex jagħżlu wara li ġie iffirmat il-ftehim settorali.

Seduta 194
15/01/2024

**INFERMIERA U QWIEBEL - FTEHIM SETTORJALI**

**14544. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk wara l-ftehim settorjali mal-infermiera u l-qwiebel ta' Settembru 2023, sarx kalkolu ħażin fiż-żieda, it-tnaqqis u d-differenza fl-allowances marbuta mal-overtime tal-istess infermiera u qwiebel, liema kalkolu żbaljat wassal biex numru konsiderevoli ta' infermiera u qwiebel spiċċaw ħallsu taxxa ferm għola minn dik li normalment iħallsu?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li ma kien reġistrat ebda każ.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR MATER DEI – PERSUNI TAĦT L-INFLUWENZA TAL-ALKOĦOL U/JEW DROGA LI DAĦLU FL-EMERĠENZA**

**14545. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid, ġurnata b'ġurnata, kemm daħlu persuni fl-emerġenza tal-Isptar Mater Dei taħt l-influwenza tal-alkoħol u/jew droga mill-1 sal-31 ta' Diċembru 2023?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR MATER DEI – PERSUNI BI PROBLEMI TA' SAĦĦA MENTALI U PSIKJATRIĊI LI DAĦLU FL-EMERĠENZA**

**14546. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid, ġurnata b'ġurnata, kemm daħlu persuni fl-emerġenza tal-Isptar Mater Dei minħabba problemi ta' saħħa mentali u psikjatriċi mill-1 sal-31 ta' Diċembru 2023?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fil-perjodu indikat, it-total ta' persuni li daħlu fl-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei minħabba problemi ta' saħħa mentali u psikjatriċi hu ta' 170.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR MATER DEI - PSYCHIATRIC UNIT**

**14547. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Psychiatric Unit fl-Isptar Mater Dei għadux magħluq? Jekk iva, meta għalaq u għalfejn, u jekk le, meta għalaq u meta reġa' nfetaħ?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9789 li għamlet hi stess.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR MATER DEI - OBSERVATION 1A**

**14548. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għal liema kundizzjonijiet qed tintuża l-Observation 1A fl-Isptar Mater Dei?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta illi **l-***Observation 1A* fl-Isptar Mater Dei qed tintuża għall-żewġ għanijiet:-

1. Spazju ta' ħames sodod qed jiġi użati ghall-pazjenti sabiex jigu ccekjati qabel jiġu ammessi mill-A&E
2. Spazju ta' ħames sodod qed jiġi użat bħala *holding bay* għall-pazjenti li għandhom bżonn superviżjoni elevata, sakemm sodda
*inpatient* adegwata tiġi identifikata

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR MATER DEI - HOSPITAL ACTIVITY REPORT - 2022**

**14549. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Hospital Activity Report għall-Isptar Mater Dei għas-sena 2022?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - HOSPITAL ACTIVITY REPORT**

**14550. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Hospital Activity Report għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-snin bejn l-2013 sas-sena 2022?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR KARIN GRECH - HOSPITAL ACTIVITY REPORT**

**14551. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Hospital Activity Report għall-Isptar Karin Grech għas-snin bejn l-2013 sas-sena 2022?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**INFERMIERA U QWIEBEL - FTEHIM SETTORJALI**

**14552. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm infermiera u qwiebel bi dual jew concurrent appointment mill-25 ta' Settembru 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-persuni ntalbu jagħżlu liema appointment iridu jżommu wara l-ftehim settorjali mal-infermiera u l-qwiebel?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ma hemm ebda infermiera li għandhom kariga doppja, jiġifieri ta' infermiera u qwiebel.

Seduta 194
15/01/2024

**INFERMIERA U QWIEBEL - FTEHIM SETTORJALI**

**14553. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk wara l-ftehim settorjali mal-infermiera u l-qwiebel ta' Settembru 2023, sarx kalkolu ħażin fiż-żieda, it-tnaqqis u d-differenza fl-allowances marbuta mal-overtime tal-istess infermiera u qwiebel, liema kalkolu żbaljat wassal biex numru konsiderevoli ta' infermiera u qwiebel spiċċaw ħallsu taxxa ferm għola minn dik li normalment iħallsu?

05/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14544.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - PERSONS OF TRUST**

**14554. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid:
a. Kemm hemm 'persons of trust' mal-Ministeru?
b. X'funzjoni għandhom?
c. Kemm ilhom fl-inkarigu?

d. Kif intgħażlu?
e. Kif inhuma impjegati?
f. X'kuntratti għandhom?
g. Kemm jitħallsu?

08/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li qed jirreferi għalihom huma ingaġġati skont il-manwal li kopja tiegħu diġa tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 194
15/01/2024

**PROĠETTI KAPITALI**

**14555. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid:
a. Kemm hemm proġetti kapitali għaddejjin bħalissa u f'liema stadju waslu?
b. Kemm tlestew proġetti kapitali fl-aħħar sentejn?
c. Kemm kienet in-nefqa kapitali?
d. Jekk kienx hemm overruns?
e. Kemm kienu?
f. Kemm tlestew proġetti kapitali mis-sena 2017?
g. Kemm kienet in-nefqa kapitali?

08/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**PROĠETTI TAT-TOROQ**

**14556. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Fid-dawl li numru ta' snin ilu l-Gvern kien ħabbar li ser jintefqu seba' mitt miljun Euro f'toroq, jista' l-Ministru jgħid:
a. Kemm saru toroq sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?
b. Kemm intefqu mis-seba' mitt miljun Euro?
c. Minn dawn kemm baqa' proġetti tat-toroq, għaddejjin?
d. Meta ser jitlestew?
e. Kemm ser ikunu damu għaddejjin snin biex tlestew dawn it-toroq li swew seba' mitt miljun Euro?
f. Wara din in-nefqa, x'inhuma l-baġits proġettati għat-toroq fit-tliet snin li ġejjin?
g. Minn dawn kemm huma għal toroq ġodda?
h. Liema huma?
i. Kemm minn dawn huma għal manutenzjoni, upgrade, tiswija?
j. Liema toroq huma?
k. X'inhu l-proporzjon tal-proġetti tat-toroq fdati u mmexxija minn Infrastructure Malta bħalissa?
l. Kemm kien qabel is-sena 2017?

08/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**AJRUPLANI**

**14557. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid:

a. Kemm hemm ajruplani reġistrati Malta mill-1 ta' Jannar 2024?
b. Kif jikkompara ma' dak tas-sentejn ta' qabel?
c. X'qed isir biex jissaħħaħ ir-reġistru tal-ajruplani minbarra l-leġislazzjoni mgħoddija?
d. Kemm qed jintefaq kull sena f'marketing f'dan is-settur?
e. Kif qed isir?

08/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2024 sal lum, kien hemm 4 ajruplani oħra ġodda reġistrati f' Malta.

Sa l-1 ta Jannar 2024 kien hemm 863 ajruplan reġistrati f'Malta.

Sa l-1 ta' Jannar 2023 kien hemm 691 ajruplan reġistrati f' Malta, u sa l-1 ta' Jannar 2022 kien hemm 519 ajruplan reġistrati f'Malta.

Filwaqt li l-leġislazzjoni għenet u tkompli tgħin fit-tkabbir ta' dan is-settur, wieħed ta' min jinnota li l-akbar inċentiv (marketing) hija r-reputazzjoni li Malta tgawdi f' dan il-qasam. Inoltre, Malta tipparteċipa fil-European Business Aviation Convention & Exhibition (EBACE) peress li huwa forum ewlieni għall-avjazzjoni industrijali.

In-nefqa totali annwali hija madwar € 100,000 (mitt elf euro) liema somma tkopri attivitajiet relatati mas-settur li Malta tisponsorja u/jew parzjalment tisponsorja, kif ukoll reklamar.

Seduta 194
15/01/2024

**E-SCOOTERS**

**14558. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid:

a. Kemm hemm e-scooters reġistrati mill-1 ta' Jannar 2024?
b. Kemm minn dawn huma għall-kiri u kemm huma proprjetà privata?
c. X'ser jiġri mill-e-scooters meta tidħol fis-seħħ il-liġi f'Marzu li twaqqaf il-kirjiet tagħhom?
d. Jekk saritx konsultazzjoni jew diskussjoni?

08/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella hawn taħt.

| **TOTAL E-KICKSCOOTERS REGISTERED IN 2024** | |
|---|---|
| E-Kickscooters for Leasing | 0 |
| Private | 2 |

Rigward ekickscooters għal kiri, wara Marzu 2024, l-operaturi ma jkunux jistgħu joffru aktar dan is-servizz. Għaldaqstant, dawn għandhom jitneħħew mit-toroq.

Seduta 194
15/01/2024

**INĊIDENTI STRADALI**

**14559. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid:

a. Kemm kien hemm inċidenti stradali fis-sena 2023?
b. Kemm kienu fatali?
c. Kemm kienu serji?
d. Kif jikkompara mas-sentejn ta' qabel?
e. Kemm kienu t-total ta' claims ma' insurance companies fis-sena 2023?
f. Kif jikkompara mas-sentejn ta' qabel?
g. Kemm kien it-total ta' paid out in claims fis-sena 2023?
h. Kif jikkompara mas-sentejn ta' qabel?
i. Kienx hemm żidiet fl-insurance premia matul is-sena 2023?

08/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ninsab infurmat li:

a. Fis-sena 2023 kien hemm total ta' 1451-il inċident stradali li kien jinvolvi persuni bi ġrieħi jew fatalita'.

b. Fis-sena 2023 kien hemm total ta' 13-il inċident stradali li kien jinvolvi fatalita'.

c. Fis-sena 2023 kien hemm total ta' 404-il inċident stradali li kien jinvolvi persuni bi ġrieħi gravi.

d. Fis-sena 2021 kien hemm total ta' 1313-il inċident stradali li fihom, 317 persuni sofrew ġrieħi serji u 9 kienu fatali. Fis-sena 2022 kien hemm total ta' 1403-il inċident stradali li fihom, 357 persuni sofrew ġrieħi serji u 28 kienu fatali.

Rigward domandi (e), (f), (g), (h), u (i) ta' din il- Mistoqsija Parlamentari, din l-informazzjoni mhix disponibbli għand dan il-Ministeru u l-Awtorità għat-Trasport li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu.

Seduta 194
15/01/2024

**L-IKLIN - TRIQ GERONIMO ABOS – SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**14565. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid hemmx xi ħjiel dwar meta ser tittieħed azzjoni rigward id-drenaġġ li ma jlaħħaqx mal-katusi li hemm ġewwa Triq Geronimo Abos, l-Iklin u dan għad-detriment tar-residenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' azzjoni ser tittieħed?

08/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**GĦAWDEX – RESTAWR TAL-BATTERIJA TAL-QBAJJAR**

**14566. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan biex tiġi ssalvagwardjata l-batterija li hemm ġewwa l-Qbajjar, Għawdex peress li din qiegħda fi stat ħażin u tista' tispiċċa bi ħsarat waqt il-maltemp tax-xitwa jekk ma tiġix irrestawrata minnufih?

08/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li s-sit imsemmi huwa suġġett għal talba ta' kustodja. Infurmat li t-talba, li ġejja mingħand Din l-Art Ħelwa, qed tiġi analizzata u proċessata.

Irrid ngħid ukoll li fejn jidħlu talbiet ta' kustodja hemm entitajiet oħrajn lil hinn mill-Ministeru *de quo* li huma involuti.

Seduta 194
15/01/2024

**TMEXXIJA TAL-BATTERIJA TAL-QBAJJAR - DIN L-ART ĦELWA U KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻEBBUĠ**

**14567. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-batterija li tinsab ġewwa l-Qbajjar tgħaddi lill-NGO Din l-Art Ħelwa u lill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ sabiex tiġi ssalvagwardjata?

08/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li qed isiru diskussjonijiet f'dan ir-rigward.

Seduta 194
15/01/2024

**IL-BELT VALLETTA U L-FURJANA- PJAN AMMINISTRATTIV**

**14568. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl li ħarġet il-konsultazzjoni pubblika dwar il-pjan amministrattiv tal-Belt Valletta, jista' l-Ministru jgħid kif il-vista tal-Belt Valletta ma ġietx diskussa qabel ma ntbagħat ir-rapport lill-UNESCO? Jista' jgħid ukoll hemmx xi raġunijiet speċifiċi għalfejn il-Furjana ma ġietx inkluża fil-buffer zones tal-Belt Valletta?

08/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-Views and Vistas Analysis mitluba mill-World Heritage Centrehuwa eżerċizzju tekniku li jikkonsisti minn ritratti minnu lejn il-Belt Valletta minn punti li huma viżwalment strateġiċi u'viewshed survey' diġitali. Infurmat li dawn ġew diskussi bejn l-entitajiet konċernati dwar il-Belt Valletta bħala Sit ta' Wirt Dinji u ntbagħtu lill-World Heritage Centre kif mistenni.

Intant infurmat li dwar il-buffer zone proposta, l-Onor. Interpellant mitluba tara l-mappa fuq paġna 15 tad-Draft Management Plan for VallettaWHSli tqiegħed għall-Konsultazzjoni Pubblika, fejn il-Floriana hija inkluża fil-Buffer Zone.

Seduta 194
15/01/2024

**ĦAL BALZAN - DIRETTORAT TAS-SAĦĦA AMBJENTALI**

**14569. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13962 rigward l-likwidu ta' kulur skur li jibda ħiereġ ta' kull filgħaxija mill-ħamsa ta' wara nofsinhar lil hemm mill-binja li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament u l-każ li jġib miegħu n-numru tar-referenza 5935/2023 li ntbagħat lid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali, tista' l-Ministru tgħid x'ser isir wara l-investigazzjoni li saret?

08/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** B'referenza għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 13962, ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma wettqet l-investigazzjoni meħtieġa u rriżulta li dan l-ilma li qed tirreferi għalih ma jappartjenix għall-infrastruttura tal-Korporazzjoni. Dwar "il-każ li jġib miegħu n-numru tar-referenza 5935/2023 li ntbagħat lid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali" li qed tirreferi għalih nitlobha tagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**ĦAL BALZAN - DIRETTORAT TAS-SAĦĦA AMBJENTALI**

**14570. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13963 u l-każ li jġib miegħu n-numru tar-referenza: 5935/2023 li ntbagħat lid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali, jista' l-Ministru jgħid x'ser isir wara li ġiet ikkuntattjata l-kumpanija li

tieħu ħsieb il-kondominju tal-binja li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament li minnha ħiereġ likwidu ta' kulur skur li jibda ħiereġ ta' kull filgħaxija mill-ħamsa ta' wara nofsinhar lil hemm?

08/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** B'referenza għat-tweġiba parlamentari Nru 13963, ninsab infurmat li fit-18 ta' Diċembru 2023, tkompliet l-investigazzjoni billi saret l-ispezzjoni neċessarja mill-uffiċċjal għas-Saħħa Ambjentali flimkien mal-kumpanija amministrattiva li tieħu ħsieb il-kondominju tal-fond indikat. Waqt il-ħin tal-ispezzjoni ġie kkonfermat li l-katusi huma kollha konnessi regolarment u wkoll waqt il-ħin tal-ispezzjoni ma kien hemm l-ebda ħruġ ta' ilma maħmuġ. Wara din id-data saru wkoll spezzjonijiet oħra minn ufficcjali għas-Saħħa Ambjentali, saħansitra fil-għaxija u qatt ma ġie nnutat ħruġ ta' ilma minn din il-binja.
Minbarra li l-kumpanija amministrattiva li tieħu ħsieb il-kondominju ġiet avżata sabiex tibqa tissorvelja din il-binja saru wkoll spezzjonijiet mill-uffiċċjali ġol-appartamenti fejn ġie żgurat li ma hemm ebda konnesjonijiet bħal eżempju tal-*washing machines* li huma rregolarli. Dawn kollha nstabu li jarmu regolarment fid-drenaġġ.

Seduta 194
15/01/2024

**ŻBIR TA' SIĠAR - KUNTRATTI**

**14574. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kif kuntrattur jintgħażel minn ieħor meta jingħata kuntratt biex jiżbor is-siġar ta' tipi differenti ġewwa t-toroq tagħna, x'inhuma l-prijoritajiet elenkati f'dan il-proċess ta' għażla u jekk humiex liċenzjati mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) kif inhu mistenni? Jista' jgħid ukoll jekk dawn l-istess kuntratturi humiex mitluba u mistenni minnhom li jagħżlu li japplikaw għal dawn it-tip ta' kuntratti wara li tintwera x'esperjenza għandhom f'dan ir-rigward biex b'hekk ma ssir l-ebda ħsara fuq is-siġar mimsusa?

08/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala Aġenzija nikkonsultaw ma' professjonisti f'dan il-qasam biex jiġi ddeterminat il-metodologija li hemm bzonn, kif ukoll nagħmlu superviżjoni waqt ix-xogħol. Is-Sejħa għall-offerti tistabbilixi rekwiżiti bħal Licensed Tree Specialist irreġistrat mal-ERA jew ekwivalenti. Bħal ma wieħed jaf, l-esperjenza fit-tendering mhux dejjem tista' tintalab għax din hija marbuta mal-valur tal-istima, ħafna drabi dan it-tip ta' xogħol ma jilħaqx dan il-valur. Għalhekk meta kuntrattur jew espert ikun il-licenzjat mill-Awtorita' kompetenti, dan jikkwalifika biex jagħmel ix-xogħol.

Seduta 194
15/01/2024

**ŻBIR TA' SIĠAR - KUNTRATTI**

**14575. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema huma s-siġar li ser ikunu qed jiġu miżbura fil-ġranet u l-ġimgħat li ġejjin u f'liema lokalitajiet qegħdin? Jista' jgħid ukoll jekk dawn il-kuntratti ta' żabra u żamma tal-istess siġar ingħatawx diġà u min huma dawn il-kuntratturi li ġew magħżula u jekk kinux magħżula fuq mertu ta' esperjenza u għarfien f'dan ix-xogħol tant delikat fuq is-siġar? Jista' wkoll jara li l-proċess trasparenti ta' evalwazzjoni fost il-kuntratturi qed isir bir-reqqa kollha biex l-ekosistemi naturali kollha flimkien mal-ħarsien u l-protezzjoni tas-siġar dejjem tkun prijorità unika meta jsir dan it-tip ta' żbir?

08/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**ŻBIR TA' SIĠAR**

**14576. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ssir żabra, x'qed isir mill-fdalijiet u jekk dawn hux qed jiġu 'shredded' jew

mormija u f'dan il-każ, fejn? Jista’ jgħid ukoll jekk il-postijiet minn fejn qed jiġu maqtugħa dawn is-siġar hux qed jiġu trattati jew le għal kwalunkwe tip ta' mard li jista’ mbagħad jinfettahom?

08/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li meta jkun hemm bżonn interventi fuq siġar, dawn l-interventi dejjem isiru skont il-method statement approvat mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-permessi u kundizzjonijiet huma aċċessibbli pubblikament fuq is-sistema tal-awtorita responsabbli.

Seduta 194
15/01/2024

**SULDATI MIBGĦUTA L-LEBANON**

**14577. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid:

a. Jekk il-grupp ta' suldati mibgħuta mill-Forzi Armati ġewwa l-Lebanon jinsabux f'sitwazzjoni sikura issa li nħolqot aktar tensjoni bejn l-Iżrael u l-Hizbollah?

b. Jekk il-ħlas li qed jirċievu hux qed jirrifletti fid-dawl tas-sitwazzjoni perikoluża li nħolqot issa u li qiegħda kull ma tmur tinbidel?

c. Jekk hux qegħdin jitħallsu bl-istess mod kif qed jitħallsu suldati li ġejjin minn pajjiżi oħra, partikolarment bħal dawk tal-Irlanda li qegħdin fl-istess grupp magħhom?

d. Jekk dawn hux qed jiġu mħallsa min-Nazzjonijiet Magħquda bħal bqija tal-pajjiżi kkonċernati?

e. Jekk fl-affermattiv, hux qegħdin jingħataw kollha b'mod dirett lis-suldati dawn il-pagamenti?

f. X’inhuma ċ-ċifri li qed jiġu mħallsa għal dawn is-servizzi u kif dawn qed jiġu mqassma?

08/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-preżenza tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-fruntiera bejn il-Libanu u Iżrael permezz tal-missjoni UNIFIL (United Nations Interim Force in Lebanon) hija mmirata proprju biex titnaqqas it-tensjoni f'dawn it-tip ta’ ċirkustanzi. Infurmat li l-Forzi Armati ta’ Malta jżommu kuntatt dirett u kontinwu mas-suldati Maltin, kuntatt dirett u kontinwu mal-kmand ġenerali tal-Forzi Armati Irlandiżi li s-suldati Maltin jagħmlu parti minnu, u kif ukoll mar-rappreżentanza Maltija lejn in-Nazzjonijiet Uniti fi New York. Kull prekawzjoni sabiex fiċ-ċirkostanzi, tiġi ssalvagwardjata l-ħajja u s-saħħa tas-suldati taż-żamma tal-paċi qegħdin jiġu meħuda kemm mill-kmand ġenerali tal-missjoni UNIFIL, kif ukoll mill-kmand tal-kontinġent Irlandiż li s-suldati Maltin jagħmlu parti minnu. Dawn il-miżuri jinkludu monitoraġġ u assessjar kontinwu tas-sitwazzjoni, linji ta’ komunikazzjoni bejn il-kmand tal-missjoni UNIFIL u l-armata Iżraeljana, tibdiliet temporanji fl-operat tal-missjoni skont is-sitwazzjoni, kif ukoll miżuri fiżiċi ta’ protezzjoni bħal shelters li jservu ta’ kenn f'każ li jkun hemm xi periklu minn rockets u artillerija. L-Uffiċjali u s-suldati Maltin huma mħarrġa, addestrati, u ta’ livell biex jaħdmu u joperaw f’dawn iċ-ċirkostanzi. Apparti dan, qabel dawn l-uffiċjali u s-suldati Maltin jitilgħu għal din il-missjoni, jagħmlu żmien ta’ taħriġ intensiv flimkien mal-Irlandiżi sabiex jiġi assigurat li ż-żewġ forzi jilħqu l-livell neċessarju. Kull uffiċjal u suldat li jipparteċipa f’din il-missjoni jieħu sehem fuq bażi voluntarja u sal-ġurnata tal-lum l-ebda suldat Malti ma talab sabiex jinżel lura Malta. Ukoll infurmat li l-ħlas li jirċievu s-suldati Maltin huwa bbażat fuq linji ta’ policies interni tal-Forzi Armati dwar servizz barra minn xtutna filwaqt li l-ħlas tas-suldati taż-żamma tal-paċi li jservu man-Nazzjonijiet Uniti, hija kwistjoni ta' politika interna tal-pajjiżi kontribwenti, individwalment. Kull pajjiż jimxi u jħaddan il-proċeduri u mekkaniżmi ta’ ħlas interni. Kwalunkwe ħlas minn Nazzjonijiet Uniti isir dirett lis-suldati Maltin fil-Libanu.

Seduta 194
15/01/2024

**ĦAL QORMI - TAL-ĦANDAQ - TRIQ INDRI PSAILA - TISWIJA TA' BANKINA**

**14586. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jara li tittieħed azzjoni minnufih fuq l-istat tal-bankina fi Triq Indri Psaila fiż-żona industrijali f'Tal-Ħandaq, f'Ħal Qormi kif muri fir-ritratt anness biex il-bankina tiġi rranġata u b'hekk ma tkunx ta' periklu kemm għall-ħaddiema kif ukoll għar-residenti?

08/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ż-żona msemmija ma taqax taħt ir-responsabbiltà ta' INDIS.

Seduta 194
15/01/2024

**TAL-ĦANDAQ - KULLEĠĠ SAN INJAZJU - ARJA KKONDIZZJONATA**

**14591. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jitlestew ix-xogħlijiet biex l-iskola medja u l-iskola sekondarja tal-Ħandaq li jagħmlu parti mill-Kulleġġ San Injazju jkunu mgħammra bl-apparat tal-arja kkondizzjonata?

09/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**KUNSILL DWAR IL-PROFESSJONI TAL-GĦALLIEMA**

**14600. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi d-data tal-bidu u t-tmiem tat-terminu tal-Kunsill Dwar il-Professjoni tal-Għalliema kurrenti?

09/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-membri għandhom terminu ta' tliet snin iżda ma jistgħux iservu għal aktar minn tliet termini konsekuttivi li dan jibda meta l-membri jiġu appuntati *ai termini* tal-artikolu 26 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta.

Seduta 194
15/01/2024

**KUNSILL DWAR IL-PROFESSJONI TAL-GĦALLIEMA – ELEZZJONI TA' GĦALLIEMA**

**14601. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi d-data tal-aħħar elezzjoni tal-erba' għalliema reġistrati, maħtura minn fost l-għalliema reġistrati kollha, tal-Kunsill Dwar il-Professjoni tal-Għalliema kurrenti, u d-data tal-elezzjoni li jmiss?

09/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-erba' għalliema kienu nnominati f'Ġunju tas-sena 2021.

Seduta 194
15/01/2024

**KUNSILL DWAR IL-PROFESSJONI TAL-GĦALLIEMA – MEMBRI**

**14602. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tal-membri tal-Kunsill Dwar il-Professjoni tal-Għalliema għal kull waħda mill-kategoriji li ġejjin u kemm ilu kull membru fil-kunsill?

| Kategorija | Membru |
|---|---|
| A | President maħtur mill-Ministru; |

| | |
|---|---|
| B1 | Għalliem reġistrat maħtur mill-Ministru li għandu mhux inqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem; |
| B2 | Kategorija B2: Għalliem reġistrat maħtur mill-Ministru magħżul minn fost l-uffiċjali tad-Direttorat għal Kwalità u Standardsfl-Edukazzjoni li għandu mhux inqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem; |
| B3 | Kategorija B3: Għalliem reġistrat maħtur mill-Ministru magħżul minn fost l-uffiċjali tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi li għandu mhux inqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem; |
| C1 | Kategorija C1: Għalliem reġistrat maħtur minn u minn fost l-għalliema reġistrati kollha, li għandu mhux inqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem u li jgħallem fil-livell primarju tal-edukazzjoni fis-settur statali; |
| C2 | Kategorija C2: Għalliem reġistrat maħtur minn u minn fost l-għalliema reġistrati kollha, li għandu mhux inqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem u li jgħallem fil-livell primarju tal-edukazzjoni fis-settur mhux statali; |
| C3 | Kategorija C3: Għalliem reġistrat maħtur minn u minn fost l-għalliema reġistrati kollha, li għandu mhux inqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem u li jgħallem fil-livell sekondarju tal-edukazzjoni fis-settur statali; |
| C4 | Kategorija C4: Għalliem reġistrat maħtur minn u minn fost l-għalliema reġistrati kollha, li għandu mhux inqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem u li jgħallem fil-livell sekondarju tal-edukazzjoni fis-settur mhux statali; |
| D1 | Kategorija D1: Għalliem reġistrat minn fost l-għalliema reġistrati li qed jipprattikaw, maħtur mill-MUT li għandu mhux inqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem; |
| D2 | Kategorija D2: Għalliem reġistrat minn fost l-għalliema reġistrati li qed jipprattikaw, maħtur mill-MUT li għandu mhux inqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem; |
| E1 | Kategorija E1: Membru nominati mill-Università minn fost l-istaff akkademiku permanenti tal-fakultà responsabbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-għalliema; |
| E2 | Kategorija E2: Membru nominati mill-Università minn fost l-staff akkademiku permanenti tal-fakultà responsabbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-għalliema; |
| F | Kategorija F: Ġenitur nominat minn assoċjazzjonijiet ta' ġenituri. |

09/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

| **Kategorija** | **Membru** | **Kemm ilu membru** |
|---|---|---|
| A | Dr. Simon Cachia | Lulju 2023 |
| B1 | Mr. Karl Parnis | Ottubru 2023 |
| B2 | Vakanti | |
| B3 | Mr. Anton Falzon | Ottubru 2023 |
| C1 | Vakanti | |
| C2 | Ms. Mary Grace Gerada | April 2015 |
| C3 | Ms. Roberta Ann Caruana | April 2018 |
| C4 | Ms. Nicky Azzopardi | Ġunju 2021 |
| D1 | Ms. Terry Duca | Ottubru 2023 |
| D2 | Ms. Elaine Germani | Ottubru 2020 |
| E1 | Prof. Sandro Caruana | Awwissu 2016 |
| E2 | Prof. Suzanne Piscopo | Awwissu 2016 |
| F | Dr. Glorianne Borg Axisa | April 2015 |

Seduta 194
15/01/2024

**KUNSILL DWAR IL-PROFESSJONI TAL-GĦALLIEMA - LAQGĦAT**

**14603. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tal-laqgħat li saru tal-membri tal-Kunsill Dwar il-Professjoni tal-Għalliema għal kull sena għall-perjodu 2018-2023?

09/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul il-perjodu msemmi saru total ta' 116-il laqgħa.

Seduta 194
15/01/2024

**RAPPORT ANNWALI TAL-KUMITAT TAS-SIGURTÀ GĦAS-SENA 2022**

**14619. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid xi tħalla barra mir-rapport annwali tal-Kumitat tas-Sigurtà għas-sena 2022? Jista' wkoll jikkoreġi d-dikjarazzjoni tiegħu bid-data ta' nhar it-22 ta' Diċembru 2023 f'każ li ma tħalla xejn barra mir-rapport annwali tal-Kumitat tas-Sigurtà għas-Sena 2022 u li kopja tiegħu flimkien mal-imsemmija dikjarazzjoni ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra nhar it-8 ta' Jannar 2024?

09/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ir-rapport li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra huwa dak approvat mill-Kumitat tas-Sigurtà għal dan il-għan u ma hi meħtieġa ebda korrezzjoni.

Seduta 194
15/01/2024

**TRABI LI TWIELDU F'MALTA U F'GĦAWDEX NHAR IL-25 TA' DIĊEMBRU 2023**

**14620. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm twieldu trabi f'Malta u f'Għawdex nhar il-25 ta' Diċembru 2023? Jista' jgħid ukoll x'inhu s-sess u n-nazzjonalità tal-imsemmija trabi?

09/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**TRABI LI TWIELDU F'MALTA U F'GĦAWDEX NHAR L-1 TA' JANNAR 2024**

**14621. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm twieldu trabi f'Malta u f'Għawdex nhar l-1 ta' Jannar 2024? Jista' jgħid ukoll x'inhu s-sess u n-nazzjonalità tal-imsemmija trabi?

09/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – RWOL TA' INDIVIDWI**

**14622. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jgħid x'inhu r-rwol tal-individwi li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament fis-segretarjat tiegħu, kemm jitħallsu u jqiegħed kopja tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom?

09/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni msemmija ma jaħdmux fi ħdan il-Ministeru tiegħi.

Seduta 194
15/01/2024

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**14623. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13861 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12638, jista' l-Ministru jgħid jekk kellimx lill-Ministru għall-Intern u lill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jitolbu lill-Kummissarju Għoli Malti għall-Ghana għal aktar tagħrif u anke biex jekk ikun il-każ, tiġi involuta l-INTERPOL?

09/01/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din id-domanda lill-Ministeru kkonċernat. Intenni li l-Ministeru li jien responsabbli minnu huwa dispost li jikkollabora mal-istituzzjonijiet tal-pajjiż fi kwalunkwe stħarriġ.

Seduta 194
15/01/2024

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**14624. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13860 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12638, jista' l-Ministru jipprovdi d-data ta' meta ġie maħtur il-Kummissarju ta' Malta għall-Ghana u sa meta twassal din il-kariga? Jista' jgħid jekk dan l-uffiċjal hux se jerġa' jgħaddi għall-iskrutinju tal-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi biex jiġi kkonfermat jew le?

09/01/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-inkarigu tal-Kummissarju Għoli inkwestjoni beda fis-26 ta' Frar 2019, liema terminu f'dan l-istadju huwa maħsub li jintemm fl-24 ta' Frar, 2025. Skont il-provvedimenti tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, sa issa ma kienx hemm il-ħtieġa li l-persuna inkwestjoni tgħaddi għal darba oħra mill-iskrutinju tal-Kumitat Parlamentari dwar il-Ħatriet Pubbliċi.

Seduta 194
15/01/2024

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**14625. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13859 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12640, jista' l-Ministru jgħid jekk saritx verifika tad-dokument uffiċjali tal-Ministeru tiegħu, datat 24-28 Lulju 2017, liema dokument jikkonferma illi l-individwu li d-dettalji tiegħu qed jingħataw separatament kien gideb lill-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi meta ma semmiex li kien għadu fin-negozju mal-individwu maħrub minn Malta ('fugitive') li skont il-Kummissarju tal-Istandards, kellu international arrest warrant? Jista' l-Ministru jgħid ukoll jekk l-istess individwu nħallx biss mir-rabta wara l-ħatra tiegħu bħala Kummissarju Għoli u allura jekk kienx fin-negozju mal-maħrub kemm meta huwa kien uffiċjalment Konslu għal Malta kif ukoll waqt li kien taħt l-iskrutinju tal-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi?

09/01/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru, kif inhuwa mistenni li jsir, ma jindaħalx fl-iskrutinju parlamentari li jitwettaq mill-Kumitat Parlamentari dwar il-Ħatriet Pubbliċi. Dwar f'liema stadju ġew maħlula r-rabtiet azjendali, nitolbu jirreferi għal 'Dokument F' anness mar-rapport maħruġ mill-Kummissarju għall-iStandards dwar Każ K/023. F'dik l-ittra datata 12 ta' Mejju tas-sena 2020 mgħoddija lill-Kummissarju għall-iStandards mill-predeċessur tiegħi, fiha kien għadda wkoll dikjarazzjoni mressqa mill-

persuna inkwestjoni fejn kiteb hekk: '*Allow me to reiterate that after my appointment I took the decision to slowly remove all the companies I had, as not to create any possible doubt of conflict of interest as this was raised by the public appointments committee. I did this knowing I had the right to keep ownership of such companies'*. Mill-konfermi li waslu bil-miktub, diġà riferuti fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 12640, nikkonferma li tali rabtiet azjendali kienu kollha maħlula sas-7 ta' Frar 2020.

Seduta 194
15/01/2024

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**14626. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13332 u 13820 u jgħid x'passi kienu ttieħdu mill-Ministeru tiegħu dwar l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kif jidher f'paragrafu 81 tar-rapport Case No.: K023 datat 20 ta' Jannar 2020?

09/01/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat. Intenni li l-Ministeru li jien responsabbli minnu huwa dispost li jikkollabora mal-istituzzjonijiet tal-pajjiż fi kwalunkwe stħarriġ.

Seduta 194
15/01/2024

**APH LIMITED - KUNTRATTI**

**14627. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13329 u 13813 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti u l-ftehim li ġew iffirmati bejn il-Gvern u APH Limited (C 72130), u/jew mal-promoturi tal-istess soċjetà li d-dettalji tagħhom qegħdin jingħataw separatament mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Karma l-kuntratt li ġie ffirmat bejn il-Gvern u APH Limited (C 72130).

Ninsab infurmat li l-Awtorità kontraenti ma ffirmat l-ebda kuntratt mal-promoturi tal-istess soċjetà li d-dettalji tagħhom ingħataw separatament f'din il-mistoqsija parlamentari.

Seduta 194
15/01/2024

**BIRŻEBBUĠA - ĠNIEN IL-KUNSILL TAL-EWROPA - BANDLI**

**14658. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista tal-apparat tal-bandli li ser ikunu installati fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa f'Birżebbuġa u meta dawn ser ikunu installati?

09/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li l-apparat tal-bandli li ser ikun installat fi Ġnien il-Kunsill Lokali huwa kif ġej:

Apparat ġdid:

- Pluto – FM-JQ-9924
- Big House – MSH 441
- Spring Rocker Horse – LLC225
- Spring Rocker Gorilla – LJ010
- Three Saw – SWT48664
- Mini House – Q314
- 3 Face – BL-NK-11
- Fun House – TM-SW-706-L

Apparat eżistenti li ser ikun qed jiġi rilokat għall-Ġnien il-Kunsill Lokali minn bandli Mons. Ġużeppi Minuti huwa kif ġej:

- Wheelchair swing

Intant infurmat ukoll li dan il-proġett ta' 'Ġnien il-Kunsill Lokali' għandu jkun iffinalizzat fl-għeluq tal-ewwel kwart ta' din is-sena.

Finalment, infurmat mill-istess Kunsill li għal finijiet ta' kjarifika l-isem proprju tas-sit inkwistjoni jġib l-isem uffiċjament ta' 'Ġnien il-Kunsill Lokali' u mhux 'Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa.'

Seduta 194
15/01/2024

**LABORATORJI GĦAL TESTIJIET FUQ IL-BRICKS**

**14659. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13053 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid abbażi ta' liema standard ġie akkreditat il-laboratorju f'Malta għal xi testijiet fuq bricks (pre-cast) użat fil-bini u x'inhuma dawn it-testijiet?

10/01/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-laboratorju huwa akkreditat skont l-istandard internazzjonali EN ISO/IEC 17025:2017. B'referenza għal-"precast", il-laboratorju huwa akkreditat għal testijiet skont l-istandard Ewropew EN772-1:2011+A1:2015 u EN772-16:2011.

Seduta 194
15/01/2024

**KUMPENS DOVUT GĦAL ARTIJIET LI ĠEW MEĦUDA MILL-GVERN**

**14660. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ma jistax iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra il-valur (il-book value) illi l-Gvern qiegħed juża għal finijiet tal-kontijiet pubbliċi u ċjoè l-ammont li potenzjalment il-Gvern ser ikun qed iħallas ta' kumpens dovut għal artijiet li ġew meħuda mill-Gvern mill-1990 sal-ġuranta li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u li għadhom ma ġewx ikkompensati b'mod sħiħ? Jista' jgħid ukoll kemm u x'tip ta' proviżjoni qiegħed jieħu l-Gvern f'dan ir-rigward?

10/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**ARTIJIET LI ĠEW MEĦUDA MILL-GVERN**

**14661. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista li turi l-każijiet, l-erja u l-lokalità, il-valur u meta ser jingħata l-kumpens fejn, is-sidien jew aċċettaw, jew intlaħaq ftehim mas-sidien, li l-Gvern ser ikun qed iħallas għal artijiet li ġew meħuda mill-Gvern mill-1990 sal-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u li għadhom ma ġewx ikkompensati b'mod sħiħ?

10/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRIZO AZZOPARDI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 9360.

Seduta 194
15/01/2024

**DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2016, (CAP. 552) U D-DESIGN POLICY GUIDANCE, DC15**

**14662. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk u kif kienet ġiet ikkjarifikata l-anomalija marbuta mas-CBT wara li ġew fis-seħħ id-Development Planning Act, 2016, (Cap. 552) u d-Design Policy Guidance, DC15?

10/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552, ġew introdotti proviżjonijiet biex żvilupp li sar qabel l-2016 jista' jiġi regolarizzat. Dan is-suġġett ġie spjegat aktar fit-tul f'ċirkulari għall-Periti 3/16, 1/19 u 1/24. Kopji taċ-ċirkulari msemmija qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 194
15/01/2024

**TOURISM ZONES REGENERATION AGENCY – XOGĦOL FIN-NAĦA T'ISFEL TA' MALTA**

**14663. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10125, jista' l-Ministru jispjega permezz ta' pjanta u deskrizzjoni u/jew dokumenti oħra li jaħseb li huma xierqa, u jgħid x'inhuma t-tip ta' upgrades tas-central strip u r-roundabout li jagħtu għal pjazza prinċipali ta' Birżebbuġa ser isiru u għal liema qiegħed jirreferi?

10/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-proġett huwa tal-Kunsill Lokali u għaldaqstant nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**SAĦĦA MENTALI - ASSISTENZA LILL-EDUKATURI U STAFF**

**14673. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14401 dwar il-Mental Health First Aid Course li qed jiġi offrut fl-iskejjel, jista' l-Ministru jgħid x'kien l-għan ta' dan il-kors, min mexxieh, kif kien imqassam, u kemm kien in-numru ta' għalliema mill-iskejjel statali, tal-Knisja u Independenti li spiċċaw il-kors b'suċċess?

10/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għan ta' dan il-kors kien biex l-edukaturi jiġu mħarrġa fil-Mental Health First Aid. B'hekk ikunu jistgħu jissapportjaw u jgħarrfu sintomi meta persuna tkun għaddejja minn żmien diffiċli. Dan il-kors kien ikkordinat mar-Richmond Foundation u kien imqassam fuq 25 siegħa.

In-numru ta' għalliema li lestew il-kors b'suċċess huwa indikat fit-tabella t'hawn taħt.

| Stat | Knisja | Indipendenti |
|---|---|---|
| 403 | 123 | 55 |

Seduta 194
15/01/2024

**SPORTIVI - STUDENTI TAĦT IS-16-IL SENA - JIRRAPPREŻENTAW LIL MALTA**

**14677. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti taħt is-16-il sena li huma wkoll sportivi u li jirrappreżentaw lil Malta f'xi tip ta' sports jew huma parti mit-tim Nazzjonali fl-isport tagħhom? Jista' jgħid ukoll liema huma dawn l-isports differenti li fihom jipparteċipaw?

10/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**SPORTIVI - STUDENTI F'LIVELL POST SEKONDARJU - JIRRAPPREŻENTAW LIL MALTA**

**14678. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti f'livell post sekondarju li huma wkoll sportivi u li jirrappreżentaw lil Malta f'xi tip ta' sports jew huma parti mit-tim Nazzjonali fl-isport tagħhom? Jista' jgħid ukoll liema huma dawn l-isports differenti li fihom jipparteċipaw?

10/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - MRI**

**14685. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti time-frame ta' meta ser titlesta u tibda tiffunzjona l-MRI ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex?

10/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-MRI temporanja ta' 1.5 Tesla ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għandha tibda tintuza matul Q1. Hu ppjanat li l-MRI ta' 3.0 Tesla tibda topera qabel l-aħħar ta' din is-sena minflok dik temporanja.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14688. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenzi tax-xogħol u/jew timesheets relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14689. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenzi tax-xogħol u/jew timesheets relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14690. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenzi tax-xogħol u/jew timesheets relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14691. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenzi tax-xogħol u/jew timesheets relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 194

15/01/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14692. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenzi tax-xogħol u/jew timesheets relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 194
15/01/2024

**ART AGRIKOLA MEĦUDA BIEX ISIRU TOROQ ĠODDA**

**14752. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il medda ta' art ittieħdet li kellha użu agrikolu biex minnha jsiru toroq ġodda?

11/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**TEHID TA' ART AGRIKOLA BIEX ISIR ŻVILUPP TA' KOSTRUZZJONI**

**14753. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm matul dawn l-aħħar sentejn, xahar b'xahar minn Diċembru 2021 sal-lum, ittieħdet art agrikola biex fiha sar jew se jsir żvilupp ta' kostruzzjoni?

11/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 194
15/01/2024

**LIĊENZJI ĠODDA TAS-SEWQAN LIR-RESIDENTI BARRANIN F'MALTA**

**14754. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont xahar, b'xahar ta' kemm kien hawn liċenzji ġodda tas-sewqan lil residenti barranin f'Malta u li mhux bilfors għadhom sal-lum jgħixu Malta, mill-2017 sal-lum?

11/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2017 sal-lum, 36,880 resident barrani ngħataw liċenzja tas-sewqan Maltija. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra il-figuri relattivi għal kull sena u xahar b'xahar.

Seduta 194
15/01/2024

**ĦRUĠ TA' Y PLATES**

**14755. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu Y Plates matul l-aħħar tliet xhur tal-2023?

11/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:**

| **Xahar** | **Ammont** |
|---|---|
| Ottubru 2023 | **232** |
| Novembru 2023 | **51** |
| Diċembru 23 | **36** |

Seduta 194
15/01/2024

**PERSUNI MALTIN U BARRANIN LI TRESSQU L-QORTI - KAŻIJIET**

**14756. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb kemm persuni Maltin u kemm barranin tressqu l-Qorti matul is-sena 2019, 2020, 2021 u 2022 u kemm minn dawn il-każijiet għad m'hemmx deċizjoni tal-Qorti fuqhom?

11/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 194
15/01/2024